MALTA

ATT Nru. XXXV ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi minflok l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, għal dazji ta' importazzjoni u għal ħwejjeġ oħra inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

ACT No. XXXV of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision, in place of the Import Duties Act, 1976, for import duties and for matters incidental thereto or connected therewith.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ĊENSU TABONE
President

12 ta' Diċembru, 1989

ATT Nru. XXXV ta' l-1989

ATT biex jipprovdi, minflok l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, għal dazji ta' importazzjoni u għal ħwejjeġ oħra inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"depożt" dwar oġġetti mportati tfisser kull maħżen tal-Gvern jew kull post ieħor ta' kustodja approvati skond l-artikolu 27 jew is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 34 ta' l-Ordinanza tad-Dwana; Kap. 37.

"il-Kommunità" tfisser il-Kommunità Ekonomika Ewropea mwaqqfa bi Trattat iffirmat f'Ruma fil-25 ta' Marzu, 1957 bejn il-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemborgu u l-Olanda u tinkludi l-Istati kollha li huma jew li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu membri tal-Kommunità u li għalihom japplika xi ftehim bejn il-Kommunità u Malta u, għall-finijiet ta' kull ftehim bejn il-Kommunità u Malta, dawk it-territorji l-oħra li għalihom japplika dak il-ftehim;

"Tariffa tad-Dwana" tfisser it-Tariffa tad-Dwana murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"dazju ta' importazzjoni" u "dazju" ifissru kull dazju tad-Dwana li jitħallas taħt dan l-Att fuq oġġetti mportati;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għad-Dwana;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 35 ta' dan l-Att.

(2) Fl-applikazzjoni tat-Tariffa tad-Dwana, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' dik it-Tariffa, it-test Ingliż għandu jipprevali.

Effetti legali ta' noti u regoli tat-Tariffa tad-Dwana.

3. In-noti, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet l-oħra li jinsabu fit-Tariffa tad-Dwana jkunu parti sħiħa minnha u l-imsemmija Tariffa għandha tinqara, tiftiehem u tiġi applikata skond l-imsemmija noti, regoli u dispożizzjonijiet.

Dazji li għandhom jintalbu u jinġabru mill-Kontrullur tad-Dwana.

4. (1) Għandhom jiġu mitluba u miġbura mill-Kontrullur tad-Dwana akkont tal-Gvern —

(a) id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' taħt 'Ġenerali' tat-Tariffa tad-Dwana fuq l-oġġetti kollha li għandu jitħallas fuqhom dawk id-dazji u enumerati fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati f'pajjiżi li ma jkunux dawk tal-Kommunità u li jkunu mportati f'Malta jew maħruġa mid-depożt għall-użu jew konsum f'Malta.

(b) id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' taħt 'K.E.E.' tat-Tariffa tad-Dwana fuq l-oġġetti kollha li fuqhom għandhom jitħallsu dawk id-dazji u enumerati fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Kommunità u li jkunu mportati f'Malta jew maħruġa mid-depożt għall-użu jew konsum f'Malta.

(2) Id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' taħt 'K.E.E.' tat-Tariffa tad-Dwana għandhom jiġu applikati biss għal oġġetti li jissodisfaw ir-regoli ta' l-oriġini kif fis-seħħ minn żmien għal żmien skond xi ftehim magħmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Kommunità.

(3) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' taħt 'K.E.E.' tat-Tariffa tad-Dwana jkunu suġġetti għal dak it-tnaqqis li jista' jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Kommunità, u ta' kull annessi, protokolli u dikjarazzjonijiet, kif dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu minn żmien għal żmien ikunu fis-seħħ bla ħsara għal kull direttiva mogħtija b'ordni tal-Ministru bis-saħħa jew bl-applikazzjoni ta' xi setgħat jew riżervi li jinsabu f'xi waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet u eżerċitabbli mill-Gvern ta' Malta.

(4) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li jiġu pubblikati dawk id-dispożizzjonijiet kollha kif imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u kull tibdil jew żidiet għalihom, li fil-fehma tiegħu jkunu rilevanti biex juru l-mod u l-limitu ta' l-applikazzjoni tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u kull ordni li jagħti direttiva taħt l-imsemmi subartikolu u jista' wkoll minn żmien għal żmien jieħu ħsieb li jiġu ippubblikati jew li jiġu inklużi f'kull stampar mill-ġdid tat-Tariffa tad-Dwana magħmula skond l-artikolu 27 ta' dan l-Att id-dazji li għandhom jitħallsu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi subartikolu; u kull pubblikazzjoni jew inklużjoni bħal dik fi stampar mill-ġdid jistgħu jsiru jew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ tal-ftehim imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jew ta' xi ordni li jagħti direttiva taħt dak is-subartikolu, jew ta' xi tibdil fi, jew żidiet ma', id-dispożizzjonijiet tiegħu.

(5) Kull ħaġa pubblikata jew inkluża fi stampar mill-ġdid taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jkollha l-istess forza u validità daqslikieku kienet tinsab f'dan l-Att jew kienet tagħmel parti minnu b'seħħ minn dik id-data, sew qabel jew wara l-pubblikazzjoni jew l-istampar mill-ġdid, kif jista' jiġi speċifikat fih jew b'avviż mogħti mill-Ministru fil-Gazzetta.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu, il-Kontrullur tad-Dwana jista' bi ftehim ma' l-importatur, japplika rata fissa ta' dazju ta' importazzjoni ta' ħamsa u għoxrin fil-mija fuq oġġetti ta' xorta mhux kummerċjali li jiġu riċevuti minn individwi f'konsenji fejn il-valur ta' dawk l-oġġetti ma jkunux iktar minn għaxar liri Maltin, u fuq oġġetti ta' xorta mhux kummerċjali importati minn vjaġġaturi fil-valiġġa tagħhom meta l-valur ta' dawk l-oġġetti ma jkunx iżjed minn mitt lira Maltija, f'kull każ meta l-oġġetti ma jkunux spiriti, tabakk jew prodotti tat-tabakk.

(7) Fil-ġbir tad-dazju ta' importazzjoni taħt dan l-Att, il-Kontrullur tad-Dwana jista' jikkalkula 'l fuq jew 'l isfel lejn l-eqreb lira Maltija kull ammont ta' dazju.

Oġġetti ħielsa minn dazju.

5. Għandhom ikunu ħielsa mill-ħlas ta' dazju ta' importazzjoni l-oġġetti li huma enumerati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, suġġetti meta applikabbli, għar-regoli li jinsabu fiha.

Tneħħija ta' oġġetti mportati meħlusa minn dazju.

6. (1) Kull oġġett dazjabbli li jkun importat meħlus mid-dazju minn xi persuna bis-saħħa ta' ħelsien mogħti skond l-artikolu 15 ta' dan l-Att jew skond xi liġi oħra għandu, kemm-il darba l-Ministru ma jordnax xort'oħra, jitqies, jekk jinbiegħ jew issir it-tneħħija tiegħu minn dik il-persuna għal użu jew konsum f'Malta, li jkun ittieħed mid-depożt fiż-żmien ta' dak il-bejgħ jew tneħħija għall-użu jew konsum f'Malta, u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 għandhom jgħoddu għal kull oġġett bħal dak.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, id-dazju għandu jitħallas mill-persuna li ssir is-sid ta' l-oġġett.

(3) Il-persuna responsabbli għall-ħlas ta' dazju skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha, fi żmien ġimgħa mindu tkun saret is-sid ta' l-oġġetti msemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tagħmel dikjarazzjoni sħiħa ta' dawk l-oġġetti skond l-Ordinanza tad-Dwana.

(4) Nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jikkostitwixxi reat skond l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana u l-artikolu 60 ta' l-imsemmija Ordinanza jkun applikabbli għall-oġġetti li dwarhom ma tkunx saret dikjarazzjoni sħiħa fiż-żmien mogħti bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

Att Nru. XXI ta' l-1988.

(5) Dan l-artikolu ma għandux jgħodd għal xi oġġetti dazjabbli importati f'Malta ħielsa minn dazju tad-dwana skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Iżvilupp Industrijali.

Emendi għan-Nomenklatura ta' l-oġġetti fit-Tariffa tad-Dwana.

7. Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jagħmel dawk l-emendi fit-Tariffa tad-Dwana kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien biex jiġi żgurat li t-Tariffa tad-Dwana tkun taqbel mal-*Harmonized Commodity Description and Coding System* ta' l-1983 kif adottata u pubblikata mill-*Customs Co-operation Council:*

Iżda din l-awtorità ma tgħoddx għal każijiet meta l-applikazzjoni tagħhom iġġib żieda fir-rata ta' dazju preskritta dwar xi oġġett.

Mod kif jiġi żgurat dazju *ad valorem*.

8. (1) Il-prezz ta' l-oġġetti, sabiex jiġi żgurat l-ammont tad-dazju *ad valorem* li għandu jitħallas fuqhom, għandu jiġi ikkalkolat fuq il-prezz mitlub għall-oġġetti msemmija mill-bejjiegħ tagħhom, kif verifikat mill-fattura ġenwina ta' l-oġġetti, b'żieda ta' l-ispiża tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni meħtieġa għall-importazzjoni ta' l-oġġetti f'Malta:

Iżda meta l-Kontrullur tad-Dwana jkollu raġuni biex jaħseb illi l-fattura ma tipprovdix bażi xierqa għall-istima ta' l-ammont tajjeb ta' dazju fuq l-oġġetti, id-dazju jista' jiġi ikkalkolat fuq valur li għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda wkoll fil-każ ta' oġġetti li għalihom jgħodd l-artikolu 6 id-dazju *ad valorem* għandu jitħallas —

(i) meta l-oġġetti jinbiegħu, fuq il-prezz imħallas mix-xerrej; jew

(ii) meta l-oġġetti jiġu mneħħija xort'oħra milli b'bejgħ, fuq il-valur ta' l-oġġetti kif stabbilit mill-Kontrollur tad-Dwana fiż-żmien tat-tneħħija.

(2) Il-fatturi kollha għandu jkollhom dikjarazzjoni iffirmata mill-fabbrikant jew mill-fornitur ta' l-oġġetti jew minn persuna awtorizzata kif imiss biex tiffirma minfloku fis-sens li l-ammont muri fuq il-fattura huwa tajjeb fl-aspetti kollha, u illi l-fattura fiha dikjarazzjoni

vera u sħiħa tal-partikolaritajiet ta' l-oġġetti u tal-prezz, magħduda l-ispiża tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni. attwalment imħallsa, jew li għandha titħallas għall-oġġetti msemmija, u tal-kwantità attwali tagħhom, u illi ebda fattura differenti ta' l-oġġetti msemmija f'dik il-fattura ma ġiet jew tkun se tiġi mogħtija lil xi ħadd.

(3) Fil-każ li l-ispiża tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni ma tkunx ġiet imħallsa jew ma tkunx magħrufa mill-fabbrikant jew mill-fornitur, dikjarazzjoni f'dak is-sens għandha tiżdied mad-dikjarazzjoni ta' hawn fuq.

(4) Meta l-oġġetti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) ikunu manifatturati skond xi invenzjoni bi privattiva jew ikunu oġġetti li għalihom ikun ġie applikat xi disinn reġistrat; jew

(b) ikunu mportati skond *trade mark* stranġiera, jew ikunu mportati għall-bejgħ (sew jekk wara manifattura oħra sew jekk le) skond *trade mark* stranġiera,

il-valur li fuqu jintalab id-dazju għandu jiġi stabbilit fuq il-preżunzjoni illi l-prezz jinkludi d-dritt ta' użu tal-privattiva, disinn jew *trade mark* dwar l-oġġetti.

(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu l-frażi "*trade mark*" tinkludi *trade name* u *get-up*, u "*trade mark* stranġiera" tfisser *trade mark* użata għall-iskop ta' indikazzjoni illi oġġetti li dwarhom tkun użata jkunu ta' —

(a) persuna li minnha l-oġġetti li jkunu se jiġu valutati jkunu ġew kultivati, prodotti, manifatturati, magħżula, offerti għall-bejgħ jew xort'oħra trattati barra minn Malta; jew

(b) persuna assoċjata f'negozju ma' xi persuna bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu (a) ta' hawnhekk; jew

(ċ) persuna li lilha persuna bħal dik li hija msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) ta' hawnhekk, tkun ittrasferiet l-avvjament tan-negozju li dwaru t-*trade mark* tkun użata.

(6) Il-Kontrullur tad-Dwana jista' jeħtieġ dik il-prova ta' l-awtentiċità ta' kull fattura msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kif jidhirlu xieraq.

Bord għal Appelli minn Valutazzjoni tad-Dwana.

9. (1) Jekk, qabel ma xi oġġetti mportati jiġu mitluqa mid-Dwana tinqala' xi kwistjoni dwar xi valutazzjoni magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, l-importatur jista' jikseb li dawk l-oġġetti jiġu mitluqa mal-ħlas tad-dazju kalkolat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att meta jittieħed il-valur muri fuq il-fattura bħala l-valur ta' dawk l-oġġetti u mad-depożitu mal-Kontrullur tad-Dwana ta' ammont ta' dazju addizzjonali mitlub mill-Kontrullur tad-Dwana.

(2) Jekk, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-oġġetti jkunu ġew irtirati mid-Dwana, l-importatur ma jkunx għamel

talba bil-miktub lill-Kontrullur tad-Dwana biex il-kwistjoni tintbagħat lill-Bord għal Appelli minn Valutazzjoni tad-Dwana stabbilit taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord"), l-importatur għandu jitqies li jkun aċċetta l-valutazzjoni magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att u l-ammont depożitat mal-Kontrullur tad-Dwana għandu ma' dan jiġi approprjat mill-Kontrullur tad-Dwana bi ħlas tad-dazju mitlub minnu.

(3) Għandu jkun hemm bord li jissejjaħ "il-Bord għal Appelli minn Valutazzjoni tad-Dwana" li jkun magħmul minn tliet membri maħtura mill-Ministru. Iċ-Chairman ikun persuna b'esperjenza fil-qasam legali, miż-żewġ membri l-oħra tal-Bord wieħed irid ikun persuna li, fil-fehma tal-Ministru tista' tirrappreżenta l-interessi tal-Gvern u l-ieħor persuna li fil-fehma tal-Ministru tista' tirrappreżenta l-interessi ta' l-importaturi maħtura mill-Ministru wara konsultazzjoni ma' rappreżentanti ta' l-importaturi.

(4) Jekk xi membru tal-Bord ikollu l-interess personali dirett f'xi kwistjoni dan għandu jiddikjara dak l-interess u jastjeni milli jisma' dik l-kwistjoni.

(5) Il-Ministru għandu wkoll jaħtar membri tal-Bord sostituti.

(6) Il-Bord għandu jikkunsidra b'mod xieraq u malajr kull kwistjoni dwar il-valutazzjoni ta' oġġetti importati mibgħuta lilu mill-Kontrullur tad-Dwana skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(7) Il-Bord għandu jirregola il-proċedura tiegħu stess.

(8) L-importatur għandu jiddepożita mal-Kontrullur tad-Dwana kampjuni ta' l-oġġetti mportati minnu qabel ma dawk l-oġġetti jiġu mitluqa.

(9) Il-Bord m'għandux jikkunsidra appelli meta d-dazju fil-kwistjoni ma jkunx iktar minn mija u ħamsin lira Maltija.

(10) Wara li jikkunsidra l-każ mibgħut lilu, u kull sottomissjonijiet li jistgħu jsirulu mill-Kontrullur tad-Dwana u mill-importatur, il-Bord għandu jistabbilixxi jekk il-prinċipji murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att ikunux ġew segwiti mill-Kontrullur tad-Dwana fil-valutazzjoni li jkun għamel.

(11) Meta l-Bord jideċiedi li l-prinċipji msemmija fis-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu jkunu ġew segwiti l-ammont tad-dazju depożitat mal-Kontrullur tad-Dwana skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandu jiġi approprjat mill-Kontrullur tad-Dwana bi ħlas tad-dazju mitlub minnu; meta l-Bord jiddeċiedi li l-imsemmija prinċipji ma jkunux ġew segwiti, il-Bord għandu jirrakkomanda lill-Ministru biex jordna lill-Kontrullur tad-Dwana jagħmel valutazzjoni oħra ta' l-oġġetti, liema rakkomandazzjoni

għandu jkun fiha l-prinċipji li fil-fehma tal-Bord ikunu inqabżu mill-Kontrullur. Malli jsir dan il-Ministru għandu jibgħat il-każ lill-Kontrullur tad-Dwana għal valutazzjoni oħra, li mbagħad tkun finali.

(12) Il-Bord għandu jikkomunika d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kontrullur tad-Dwana u lill-importatur.

(13) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titqies li tolqot xi jedd għal talba quddiem qorti kompetenti għal ħlas lura ta' dazju li jitqies li jkun tħallas żejjed.

Setgħa tal-Kontrullur tad-Dwana li jżomm il-fattura u li jeħtieġ il-produzzjoni ta' dokument.

10. (1) Il-Kontrullur tad-Dwana jkun jista' jżomm għal skopijiet uffiċjali l-kopja oriġinali tal-fattura jew fatturi ippreżentati minn importatur mad-dikjarazzjoni lid-Dwana dwar oġġetti importati jew maħruġa mid-depożt.

(2) Il-Kontrullur tad-Dwana jista', f'kull żmien, għeluq sentejn wara li jkunu ġew sdazzjati oġġetti ta' kull xorta, jeħtieġ mingħand l-importatur jew l-aġent tiegħu l-produzzjoni fil-post tiegħu jew post ieħor ta' kull ktieb tan-negozju, sew jekk preskritt b'liġi jew xort'oħra, jew ta' dokumenti oħra ta' kull xorta, tkun li tkun li jirreferixxu għax-xiri, importazzjoni jew bejgħ ta' dawk l-oġġetti u jekk l-importatur jew l-aġent tiegħu jonqos milli jħares xi ħtieġa bħal dik ikun ħati ta' reat u jeħel, wara li jinsab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrullur tad-Dwana, multa ta' mhux anqas minn għoxrin lira Maltija u mhux iżjed minn mitejn u ħamsin lira Maltija.

Skontijiet.

11. (1) Ma jittieħed qies ta' ebda skont jew tnaqqis mill-valur ta' oġġetti li d-dazju tagħhom għandu jitħallas *ad valorem*, ħlief jekk dan l-iskont jew tnaqqis ikun jidher biċ-ċar, għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur tad-Dwana, fuq il-fattura awtentikata kif imiss, jew minn ċertifikat imwettaq bil-firma tal-fabbrikant, fornitur, spedizzjonier, jew minn persuna oħra li minn għandha l-oġġetti murija jew deskritti fil-fattura jkunu ġew mixtrija u li minnha dak l-iskont jew tnaqqis ikun sar jew jidher li jkun sar.

(2) Jittieħed qies ta' skont fil-każ ta' skontijiet magħrufa fil-kummerċ jew skontijiet għal ħlas mal-konsenja, iżda ma jittieħed ebda tnaqqis dwar xi skontijiet jew abboni kontinġenti, jew kummissjonijiet għal bejgħ u xiri jew skontijiet fuq kampjunarju.

Stima tal-valur murija f'munita strangiera

12. Meta xi fattura ta' oġġetti mixtrija f'pajjiż barrani turi l-valur ta' dawk l-oġġetti f'munita strangiera, dak il-valur jiġi stabbilit mill-Kontrullur tad-Dwana bir-rata tal-kambju tal-munita Maltija għal dik il-munita strangiera li tiġi stabbilita kuljum mill-Bank Ċentrali ta' Malta, u l-importatur għandu jħallas id-dazju, meta d-dazju jitħallas *ad valorem*, fuq l-ammont kalkolat f'munita Maltija kif intqal qabel.

Partijiet ta' oġġett suġġetti għall-istess dazju bħall-oġġett.

13. Il-partijiet integrali ta' oġġett suġġett għal dazju *ad valorem*, jew li jkun ħieles minn dazju, importat għal skopijiet ta' rimpjazzament jew bħala *spare parts*, huma suġġetti għall-istess rata ta' dazju bħall-

oġġett innifsu, jew ħielsa minn dazju, skond il-każ, kemm-il darba ma jkunux speċifikament esklużi jew provdut għalihom band'oħra fit-Tariffa.

Setgħa tal-Kontrullur tad-Dwana li jieħu l-oġġetti bil-ħlas tal-valur iddikjarat jew li jitħallas tad-dazju mill-oġġetti.

14. (1) Fil-każ ta' oġġetti suġġetti għal dazju *ad valorem*, il-Kontrullur tad-Dwana jista', jekk ikollu raġun jaħseb li l-valur dikjarat mill-importatur jew mir-rappreżentant tiegħu mhux biżżejjed, jew jieħu l-oġġetti billi jħallas lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu l-ammont tal-valur dikjarat minnu b'żieda ta' ħamsa fil-mija, dan il-ħlas flimkien mar-radd lura tad-dazju li jkun tħallas fuq l-oġġetti għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-dikjarazzjoni, jew jitħallas tad-dazju mill-oġġetti.

(2) L-importatur li kontra tiegħu l-Kontrullur tad-Dwana jkun bi ħsiebu jeżerċita l-jedd ta' l-akkwist jista' jistma l-oġġetti b'esperti, li jiġu maħtura wieħed mid-dikjarant u l-ieħor mill-Kontrullur tad-Dwana. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejniethom, l-esperti jaħtru arbitru u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

(3) Jekk l-esperti jiddeċiedu li l-valur ta' l-oġġetti ma jeċċedix b'iżjed minn ħamsa fil-mija l-valur dikjarat mill-importatur, id-dazju jittieħed fuq l-ammont dikjarat minnu.

(4) Meta l-valur stmat jeċċedi b'iżjed minn ħamsa fil-mija l-valur dikjarat mill-importatur, il-Kontrullur tad-Dwana għandu, fuq għażla tiegħu, jiġbor id-dazju fuq l-ammont stabbilit mill-esperti, jew jeżerċita l-jedd ta' akkwist, biż-żieda ta' ħamsa fil-mija msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, liema żieda għandha tiġi wkoll mogħtija jekk id-dikjarant jirtira l-applikazzjoni tiegħu għall-istima:

Iżda fl-ewwel każ, id-dazju jkun jista' jiġi miżjud b'ħamsin fil-mija, jekk l-istima ta' l-esperti teċċedi b'għaxra fil-mija l-valur dikjarat mill-importatur.

(5) L-ispejjeż ta' l-istima jħallashom id-dikjarant, jekk il-valur stabbilit mill-esperti jeċċedi b'iżjed minn ħamsa fil-mija l-valur dikjarat: jekk xort'oħra, iħallashom il-Gvern.

Setgħa tal-Ministru li jagħti ħelsien minn dazju.

15. (1) Il-Ministru jista' jippermetti l-importazzjoni f'Malta ta' kull oġġett ħieles minn dazju.

(2) Meta tkun saret talba lill-Ministru sabiex jippermetti l-importazzjoni f'Malta ta' xi oġġetti mingħajr ebda ħlas ta' dazju, l-importatur jista' jagħmel depożitu għand il-Kontrollur ta' somma ta' flus li tkun biżżejjed fl-ammont tagħha sabiex tkopri kull dazju li għandu jitħallas fuq dawk l-oġġetti, jew jagħti lill-Kontrollur dik il-garanzija bankarja minn bank lokali li l-Kontrollur jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, u meta jiġri dan l-oġġetti jkunu jistgħu jiġu rilaxxati mill-Kontrollur lill-importatur bl-istess mod daqslikieku d-dazju fuqhom kien tħallas.

(3) Kull somma depożitata bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu dwar xi oġġetti li tkun saret talba dwarhom lill-Ministru kif imsemmi qabel, għandha tingħadd bħala dħul fil-każ li l-Ministru ma jilqax it-talba msemmija qabel, u tingħata lura mill-Kontrollur lill-importatur fil-każ li l-Ministru jilqa' t-talba.

(4) Il-Ministru jista' jiddelega s-setgħa mogħtija lilu b'dan l-artikolu lill-Kontrullur tad-Dwana dwar kull oġġett li fuqu l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas ma jkunx iżjed minn ħames liri Maltin.

Importazzjoni ta' oġġetti bla ħlas ta' dazju.

16. Il-Kontrullur tad-Dwana jista' wkoll, bl-approvazzjoni tal-Ministru f'kull każ u għal dak iż-żmien u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti, jagħti permess lin-negozjanti biex jimportaw bla ħlas ta' dazju dawk l-oġġetti li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti għall-bejgħ lil dik il-klassi jew lil dawk il-klassijiet ta' passiġġieri kif jista' jiġi preskritt.

Ħelsien ta' oġġetti mportati għal użu temporanju.

17. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att, kull oġġett jista', bil-permess tal-Kontrullur tad-Dwana, jingieb f'Malta jew jinħareġ mid-depożt bla ħlas ta' dazju fuqu, jekk il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li dawk l-oġġetti jkunu ingiebu f'Malta jew inħarġu mid-depożt għall-użu temporanju biss.

(2) L-importazzjoni temporanja jew il-ħruġ mid-depożt ta' oġġetti għall-użu temporanju tkun suġġetta għal-kundizzjonijiet li ġejjin —

(a) il-kwantità kollha ta' dawk l-oġġetti għandha tkun esporata minn Malta fi żmien tliet xhur mid-data li fiha ġew importati jew maħruġa mid-depożt, skond il-każ, jew fi żmien dak il-perijodu addizzjonali li l-Kontrullur tad-Dwana jista' jippermetti dwar xi oġġetti partikolari;

(b) ebda parti mill-oġġetti ma għandha tiġi mneħħija f'Malta, ħlief skond il-pattijiet ta' permess maħruġ mill-Kontrullur tad-Dwana lill-persuna li tkun importat l-oġġetti jew ħarġithom mid-depożt, skond il-każ;

(ċ) il-persuna li timporta l-oġġetti jew toħroġhom mid-depożt, skond il-każ, għandha tiddepożita f'idejn il-Kontrullur tad-Dwana l-ammont tad-dazju li jitħallas fuqhom jew tagħti dik il-garanzija għall-istess skond ma l-Kontrullur tad-Dwana jista' jitlob;

(d) (i) jekk il-kwantità kollha ta' dawk l-oġġetti ma tiġix esportata minn Malta fi żmien tliet xhur mid-data li ġew importati jew maħruġa mid-depożt skond il-każ, jew fi żmien dak il-perijodu addizzjonali li l-Kontrullur tad-Dwana jista' jippermetti, f'dak il-każ id-depożitu jew il-garanzija kollha f'idejn l-Kontrullur tad-Dwana tiġi konfiskata;

(ii) jekk xi oġġetti importati jew maħruġa mid-depożt minn xi persuna bis-saħħa ta' permess temporanju taħt dan l-artikolu u li jitħallew li jinżammu fil-pussess ta' dik il-persuna għal xi perijodu ta' żmien espressament stipulat mingħajr ebda garanzija pekunarja, liema stess oġġetti jkunu maħsuba bħala garanzija għad-dazju dovut fuqhom fil-ħin li l-oġġetti jkunu importati jew maħruġa mid-depożt, f'dak il-każ jekk l-oġġetti ma jiġux esportati

mill-ġdid fl-imsemmi żmien, dawn jistgħu, bla ħsara għal xi obbligu għall-ħlas tad-dazju dovut, ikunu soġġetti għall-konfiska skond l-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għalihom.

(e) meta jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur tad-Dwana illi —

(i) parti mill-oġġetti ġiet mitlufa b'ebda ħtija tal-persuna li mportat l-oġġetti jew li ħarġithom mid-depożt; jew

(ii) parti mill-oġġetti ġiet imneħħija skond permess maħruġ taħt il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu; u

(iii) il-bqija ta' l-oġġetti ġiet esporata kif imiss;

id-dazju jitħallas biss fuq il-parti mill-oġġetti li ma tkunx ġiet esportata u tiġi konfiskata biss dik il-parti tad-depożitu jew tal-garanzjia f'idejn il-Kontrullur tad-Dwana kif tammonta għad-dazju dovut fuq l-oġġetti li ma jkunux ġew esportati.

(f) meta l-kwantità kollha ta' xi oġġetti importati jew maħruġa mid-depożt skond dan l-artikolu tiġi esporata minn Malta, f'dak il-każ id-depożitu jew il-garanzija f'idejn il-Kontrullur tad-Dwana għandha tingħata lura lill-persuna li tkun għamlet id-depożitu jew li tkun tat il-garanzija.

Ebda dazju ma jitħallas fuq oġġetti fid-depożt jew maħruġa għall-esportazzjoni minnufih.

18. (1) Ebda oġġett fid-depożt ma jkun suġġett għal dazju skond dan l-Att, sakemm jibqa' fid-depożt, jew meta jiġi maħruġ mid-depożt għall-esportazzjoni minnufih.

(2) Meta xi oġġett jinħareġ mid-depożt għall-użu jew konsum f'Malta d-dazju li għandu jintalab fuq dak l-oġġett ikun dak li għandu jitħallas fid-data tal-ħruġ attwali ta' dak l-oġġett mid-depożt.

Ħlas ta' dazju fuq oġġetti bil-ħsara.

19. (1) Id-dazji ta' importazzjoni għandhom jinġabru irrispettivament mill-istat ta' l-oġġetti u ma huwa permess ebda tnaqqis ta' dazju la kollu u la f'parti minħabba l-ħsara fl-oġġetti, tkun li tkun ir-raġuni ta' dik il-ħsara.

(2) Iżda s-sid ta' l-oġġetti bil-ħsara jista' jagħżel li l-oġġetti bil-ħsara jiġu meqruda bi spejjeż tiegħu taħt dwak il-kondizzjonijiet li l-Kontrullur tad-Dwana jista' jinponi.

(3) Ma għandu jinġabar ebda dazju ta' importazzjoni fuq oġġetti meqruda skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

Tnaqqis ta' dazju fuq oġġetti misjuba neqsin.

20. (1) Ebda dazju ta' importazzjoni ma għandu jitnaqqas la għal kollox u lanqas f'parti fuq xi nuqqas ta' oġġetti sew jekk ikunu mill-ġewwieni ta' kollijiet jew f'kollijiet sħaħ, tkun xi tkun ir-raġuni għal dak in-nuqqas.

(2) Iżda d-dazju ta' importazzjoni jitnaqqas meta n-nuqqas ikunu kollijiet sħaħ ta' oġġetti u sid dawk l-oġġetti jġib provi għas-sodisfazzjoni tal-Kontrullur tad-Dwana —

(i) dwar oġġetti li ma jkunux oġġetti mportati f'*containers* jew vetturi tat-triq kummerċjali, li dawk il-kollijiet ma nħattewx mill-bastiment li jkun qed jimporta; jew

(ii) dwar oġġetti mportati f'*containers* jew f'vetturi tat-triq kummerċjali, li dawk il-kollijiet ma kenux tgħabbew fil-*container* jew fuq il-vettura tat-triq kummerċjali; jew

(iii) li dawk il-kollijiet kienu ġew depożitati jew f'maħżen tal-Gvern jew f'maħżen jew post ieħor ta' sigurtà stabbilit bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 ta' l-Ordinanza tad-Dwana iżda li ma ġewx prodotti fuq talba ta' l-uffiċjal tad-Dwana.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu ta' qabel dan ma japplikawx għal oġġetti depożitati f'maħżen jew f'post ta' sigurtà stabbilit bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 ta' l-Ordinanza tad-Dwana għad-depożitu esklużiv ta' oġġetti li jkunu ta' persuna speċifikata.

(4) Talba għat-tnaqqis ta' dazju ta' importazzjoni għandha ssir bil-miktub lill-Kontrullur tad-Dwana mhux iktar tard minn sentejn mid-data tal-ħlas ta' dak id-dazju.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu —

"container" tfisser oġġett ta' tagħmir tat-trasport (*lift-van, movable tank* jew struttura oħra simili):

(i) magħluq għal kollox jew f'parti biex jagħmel kompartament maħsub li fih iżomm oġġetti;

(ii) ta' xorta permanenti u għalhekk b'saħħa biżżejjed biex ikun jista' jintuża darba wara l-oħra;

(iii) magħmul apposta biex jiffaċilita t-trasport ta' oġġetti b'mezz wieħed jew iktar ta' trasport mingħajr ma jerġa' jitgħabba fi triqtu;

(iv) magħmul għal maniġġ bil-lest, b'mod partikolari meta jkun trasferit minn mezz ta' trasport għal ieħor;

(v) magħmul biex ikun jista' jimtela u jitbattal b'mod faċli; u

(vi) li jkollu volum intern ta' metru kubu jew iktar.

"vettura tat-triq" tfisser vettura tat-triq li tiħaddem b'qawwa mekkanika u kull karella jew semi-karrella magħmula biex titqabbad magħha.

Ħlas lura.

21. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Ministru jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jipprovdi illi l-ħlas lura fuq esportazzjoni jew imbark bħala provvisti, jew fuq it-tqegħid fid-depożt sakemm issir l-esportazzjoni jew l-imbark bħala provvisti jkun permess skond dan l-artikolu (sew għal żmien speċifikat fl-ordni jew mingħajr limiti ta' żmien) dwar dazji ta' importazzjoni mħallsa ma' l-importazzjoni ta' oġġetti ta' kull xorta speċifikata fl-ordni.

Għall-fini ta' dan l-artikolu "l-oġġetti importati" tfisser l-oġġetti li dwarhom tħallas id-dazju li għandu jitħallas lura.

(2) Ebda ordni ma għandu jsir skond dan l-artikolu kemm-il darba l-Ministru ma jkunx sodisfatt illi jgħin il-kummerċ ta' esportazzjoni ta' Malta u jkun fl-interess pubbliku, u l-Ministru għandu jieħu kont ta' l-interess ta' dawk li jipproduċu f'Malta oġġetti paragunabbli mal-ħwejjeġ importati.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jiddikjara kull fond okkupat u wżat għall-bini, tiswija u għemil tajjeb mill-ġdid ta' vapuri li jkunu tarzna awtorizzata għall-finijiet tas-subartikolu li jaħbat sew sew wara dan.

(4) Oġġetti miġjuba f'tarzna awtorizzata għandhom jitqiesu għall-finijiet ta' dan l-artikolu li jkunu esportati.

(5) Il-permess ta' ħlas lura skond dan l-artikolu jkun suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xieraq li jimponi għall-protezzjoni tad-dħul ta' flus u, f'każ meta ħlas lura huwa permess bis-saħħa tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, ikun suġġett ukoll għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xieraq li jimponi biex jiżgura li l-oġġetti jiġu wżati fil-bini, tiswija jew għemil tajjeb mill-ġdid fit-tarzna ta' vapuri ta' xorta li ma tkunx għal dak iż-żmien taxxabbli b'xi dazju ta' importazzjoni.

(6) Ħlas lura ta' dazju jista' jiġi permess jew —

(a) skond is-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu fuq l-esportazzjoni jew imbark bħala provvisti ta' l-oġġetti mportati jew ta' oġġetti li jinkorporaw dawk l-oġġetti; jew

(b) skond subartikolu (10) ta' dan l-artikolu fuq l-esportazzjoni jew imbark bħala provvisti ta' oġġetti prodotti jew manifatturati mill-oġġetti mportati.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull proċess li bih il-forma jew in-natura ta' xi oġġett tkun mibdula għandu jitqies li jipproduċi oġġetti oħra minnhom.

(8) Kull ordni jista' jipprovdi biex jippermetti ħlas lura salvi restrizzjonijiet mhux maħsuba għalihom speċifikament f'dan l-artikolu.

(9) Kull ordni li jipprovdi għall-ħlas lura li jkun permess skond dan is-subartikolu għandu jittieħed li jipprovdi illi —

(a) il-ħlas lura għandu jkun ta' ammont daqs id-dazju muri li jkun tħallas dwar l-oġġetti mportati;

(b) il-ħlas lura ma jkunx permess fuq esportazzjoni jew imbark bħala provvisti minn persuna li ma tkunx l-importatur ta' l-oġġetti mportati jew xi persuna li tkun ħadet konsenja ta' dawk l-oġġetti jew ta' oġġetti li jinkorporawhom direttament minn għandha;

(ċ) il-ħlas lura ma jkunx permess jekk minn meta d-dazju kellu jitħallas fuq l-oġġetti mportati dawk l-oġġetti jew kull oġġett li għal dak iż-żmien jinkorporawhom ikunu wżati xorta oħra milli jkunu inkorporati f'oġġetti oħra jew jekk l-oġġetti mportati ma baqgħux, b'mod ieħor milli jgħaddu minn xi proċess li ma jbiddilx il-forma jew in-natura tagħhom, fl-istess stat li kienu fiż-żmien meta d-dazju sar dovut fuqhom.

(10) Meta ħlas lura għandu jkun permess skond dan is-subartikolu —

(a) ir-rata ta' ħlas lura ma tkunx dik li tidher kalkolata fuq il-medja biex tirriżulta f'dazju li jitħallas lura li jammonta għal iżjed mid-dazju mħallas;

(b) bla ħsara għall-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, il-ħlas lura jista' jiġi permess b'dik ir-rata jew rati li jidhru xierqa u konvenjenti, iżda ħekk illi kull rata ta' ħlas lura għandha tiġi stabbilita b'riferenza jew għall-kwantità ta' l-oġġetti mportati (jew kull oġġett prodott jew manifatturat minn dawk l-oġġetti) li jkun hemm realment fl-oġġetti esportati jew imbarkati bħala provvisti jew għal dik ta' l-oġġetti esportati jew imbarkati bħala provvisti;

(ċ) meta l-ħlas lura għandu jkun permess fil-każ ta' xi oġġetti esportati jew imbarkati bħala provvisti f'aktar minn rata waħda skond id-dazju li jkun tħallas fuq l-oġġetti importati jew skond il-valur li b'riferenza għalih id-dazju kien tħallas fuq dawk l-oġġetti, jista' jsir provvediment biex jistabbilixxi kull kwistjoni dwar il-kwantità li għaliha kull rata għandha tgħodd.

(11) Kull ordni għall-ħlas lura li jkun permess skond is-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu għandu jittieħed, ħlief safejn ma jipprovdix il-kuntrarju, li jipprovdi illi kull rata ta' ħlas lura għandha, dwar oġġetti mportati taxxabli b'dazju b'rata preferenzjali, tiġi mnaqqsa sabiex ikollha l-proporzjon għar-rata sħiħa ta' ħlas lura li d-dazju mħallas kellu għad-dazju sħiħ.

(12) Kull ordni li jipprovdi għal ħlas lura li jkun permess skond is-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu għandu jittieħed bħala li jipprovdi illi l-ħlas lura ma jkunx permess jekk minn meta kellu jitħallas d-dazju fuq l-oġġetti mportati dawk l-oġġetti jew kull oġġett prodott jew manifatturat minnhom ikunu ġew użati xort'oħra milli għall-produzzjoni jew manifattura ta' oġġetti oħra minnhom.

Regolamenti dwar ħlas lura fuq oġġetti oħra.

22. Il-Ministru jista' b'regolamenti magħmula skond dan l-artikolu jippreskrivi —

(a) fuq liema oġġetti, li ma jkunux oġġetti li dwarhom ikun sar ordni skond l-artikolu 21, għandu jiġi permess ħlas lura dwar dazji ta' importazzjoni mħallsin skond dan l-Att;

(b) il-kondizzjonijiet li bihom għandu jiġi permess ħlas lura fuq oġġetti hekk preskritti; u

(ċ) l-ammont jew il-mod ta' kalkolu ta' dak il-ħlas lura.

Jista' jingħata biss ħlas lura skond l-artikolu 21 u 22.

23. Ħlief kif ikun permess b'ordni magħmul skond l-artikolu 21 jew b'regolamenti magħmula skond l-artikolu 22 ebda dazji ta' importazzjoni mħallsa bis-saħħa ta' dan l-Att fuq oġġetti meħlusa għal użu jew konsum ma għandhom jitħallsu lura fuq l-esportazzjoni tagħhom.

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ħlas lura.

24. (1) Kull talba għal ħlas lura għandha ssir lill-Kontrullur tad-Dwana f'dik il-forma u b'dak il-mod u għandu jkollha dawk il-partikolaritajiet kif il-Kontrullur tad-Dwana jista' jordna.

(2) Meta jkun ġie mitlub ħlas lura fil-każ ta' xi oġġetti —

(a) ebda ħlas lura ma għandu jingħata jekk ma jiġix muri għas-sodisfazzjoni tal-Kontrullur tad-Dwana illi d-dazju dwar l-oġġetti jew dwar il-ħwejjeġ li jkun fihom jew li jkunu wżati fil-manifattura jew preparazzjoni tagħhom li dwarhom tkun saret it-talba jkun ġie mħallas kif imiss u ma jkunx ġie mħallas lura; u

(b) ebda ħlas lura ma għandu jingħata sakemm il-persuna li jkollha dritt għalih jew l-aġent tagħha ma jkunx għamel dikjarazzjoni, f'dik il-forma u b'dak il-mod u li jkollha dawk il-partikolarijiet kif il-Kontrullur tad-Dwana jista' jordna, illi l-kondizzjonijiet li minħabba fihom il-ħlas lura jkun ser jingħata jkunu ġew imwettqa; u

(ċ) il-Kontrullur tad-Dwana jista' jeħtieġ kull persuna li kellha x'taqsam f'xi stadju ma' l-oġġetti jew ħwejjeġ li tagħti dak it-tagħrif li jista' jkun raġonevolment meħtieġ biex il-Kontrullur tad-Dwana jkun jista' jiddeċiedi jekk id-dazju jkunx ġie mħallas kif imiss u mhux imħallas lura u biex ikun jista' jsir kalkolu ta' l-ammont ta' ħlas lura li jkun ser jingħata, u li tipproduċi kull ktieb ta' kontijiet jew dokument ieħor ta' kull xorta tkun li tkun dwar l-oġġetti jew ħwejjeġ.

(3) Jekk xi persuna tonqos milli tħares xi ħtieġa skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu li jaħbat sew sew qabel dan, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrullur tad-Dwana, multa ta' ħamsin lira Maltija u penali oħra ta' żewġ liri Maltin għal kull ġurnata ta' nuqqas wara d-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha.

Limiti ta' żmien dwar għoti ta' ħlas lura.

25. Ebda ħlas ma għandu jsir dwar xi ħlas lura kemm-il darba t-talba għal hekk ma tkunx magħmula lill-Kontrullur tad-Dwana qabel għeluq sentejn mid-data ta' l-okkażjoni li bil-ġrajja tagħha jkun sar dovut il-ħlas lura.

Reati dwar talbiet għal ħlas lura.

26. (1) Kull persuna li tikseb jew tipprova tikseb, jew tagħmel xi ħaġa li biha jista' jiġi miksub minn xi persuna, xi somma bi ħlas lura ta' xi dazju li ma għandhiex legalment tiġi mħallsa jew permessa jew li tkun akbar mis-somma li għandha titħallas jew tkun permessa, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrullur tad-Dwana, —

(a) jekk ir-reat kien magħmul bi skop ta' frodi kontra l-Gvern, multa daqs tliet darbiet il-valur ta' l-oġġetti jew mitejn lira Maltija, liema jkun l-akbar;

(b) f'kull każ ieħor, multa daqs tliet darbiet l-ammont miksub jew permess b'mod mhux xieraq jew li seta' jkun miksub jew permess b'mod mhux xieraq jew mitt lira Maltija, liema jkun l-akbar.

Kap. 9.

(2) Il-pieni maħsuba skond is-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan ikunu bla ħsara għal kull piena akbar li wieħed jista' jeħel skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra.

(3) Kull oġġett li dwaru jkun sar reat skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun jista' jiġi konfiskat:

Iżda, fil-każ ta' talba għal ħlas lura, il-Kontrullur tad-Dwana jista', jekk jidhirlu xieraq, minflok ma jaqbad l-oġġetti, jew jiċħad li jippermetti xi ħlas lura fuqhom jew jippermetti biss dak il-ħlas lura li jidhirlu xieraq.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, fil-każ ta' xi oġġetti li dwarhom tkun saret talba għal ħlas lura, jinsab li —

(a) dawk l-oġġetti, jekk mibjugħa, ma jikkorrispondux ma' xi dikjarazzjoni magħmula dwarhom għal dik it-talba; jew

(b) l-oġġetti, jekk mibjugħa għal użu lokali, kienu jġibu anqas mill-ammont mitlub,

l-oġġetti jistgħu jiġu konfiskati u kull persuna li minnha tkun saret xi dikjarazzjoni jew talba bħal dik tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja

mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrulfur tad-Dwana, multa daqs ċliet darbiet l-ammont mitlub jew mitt lira Maltija, liema jkun l-akbar:

Iżda l-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma għandux jgħodd għal dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ li jkun hemm fihom jew ikunu wżati fil-manifattura jew preparazzjoni ta' oġġetti skond ma jkun speċifikat mill-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta.

Stampar mill-ġdid tat-Tariffa tad-Dwana.

Kap. 180

27. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istampar mill-Ġdid ta' Liġijiet Eżistenti, il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien l-istampar mill-ġdid tat-Tariffa tad-Dwana, b'kull żieda, omissjoni, emenda jew sostituzzjoni ordnati li jsiru minn xi liġijiet futuri u t-Tariffa hekk stampata għandha tkun, mingħajr ebda kwistjoni tkun li tkun fil-Qrati kollha tal-Ġustizzja u għall-finijiet kollha jkunu li jkunu, test awtentiku tat-Tariffa tad-Dwana:

Iżda f'kull każ bħal dak għandu jiġi stampat memorandum taħt il-firma tal-Ministru fuq it-Tariffa tad-Dwana stampata mill-ġdid li jgħid li ġiet stampata mill-ġdid taħt l-awtorità ta' dan l-artikolu u kif emendata sa data speċifikata.

Riserva dwar liġijiet oħra dwar id-Dwana.

28. Ebda ħaġa li hemm f'dan l-Att ma għandha titqies li tolqot —

(a) xi setgħa ta' l-awtoritajiet leġittimi skond xi liġi jew regolament fis-seħħ dwar id-Dwana li jitolbu xi dokument fuq dikjarazzjoni ta' oġġetti, jew illi tiġi eżerċitata xi setgħa mogħtija minn dik il-liġi jew regolament;

(b) xi obbligu jew responsabbilità stabbilita minn xi liġi jew regolament li jkunu jseħħu dwar id-Dwana.

(ċ) xi penali, konfiska jew piena għal kull reat kontra xi liġi jew regolament li jkunu jseħħu dwar id-Dwana;

(d) xi proċeduri dwar xi setgħa, obbligu, responsabbiltà, penali, konfiska jew piena bħal dawk kif intqal qabel.

Kampjuni.

29. (1) Kull uffiċjal tad-Dwana jista', f'kull ħin qabel ma jiġu sdazjati xi oġġetti jieħu kampjuni ta' dawk l-oġġetti f'dawk il-kwantitajiet raġonevoli li jidhru meħtieġa sabiex jiġi aċċertat l-ammont ta' dazju li għandu jiġi impost, u dawk il-kampjuni jiġu mneħħija u mogħti kont tagħhom b'dak il-mod li l-Kontrullur tad-Dwana jista' jordna.

(2) Ebda kumpens ma jitħallas mill-Kontrullur tad-Dwana dwar xi kampjun meħud skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Dispożizzjonijiet speċjali għal importazzjoni temporanja ta' ħwejjeġ maħsuba għal proċessar industrijali.

30. (1) Il-Ministru jkun jista' jawtorizza b'ordni l-importazzjoni jew il-ħruġ mid-depożt ta' kull oġġetti jew materjali bla ħlas ta' dazju dwarhom ma' dikjarazzjoni li ssir mill-importatur jew mis-sid li huma kollha maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid wara proċessar industrijali jew inkorporazzjoni f'oġġetti manifatturati.

(2) Kull oġġett jew materjal bħal dawn ma għandhomx jitneħħew f'Malta mingħajr permess bil-miktub maħruġ mill-Kontrullur tad-Dwana.

(3) L-importazzjoni temporanja ta' kull oġġett jew materjal kif intqal qabel tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kwantità sħiħa ta' l-oġġetti jew materjali għandha tiġi esportata minn Malta f'dak iż-żmien li jkun stabbilit mill-Kontrullur tad-Dwana.

(b) il-persuna msemmija fl-ordni għandha tagħti lil-Kontrullur tad-Dwana garanzija jew obbligazzjoni għas-sodisfazzjon ta' dan imsemmi l-aħħar;

(ċ) il-persuna msemmija fl-ordni għandha —

(i) iżżomm kontijiet xierqa ta' *stock* li juru f'kull żmien u b'kull dettal il-kwantitajiet ta' oġġetti jew materjali importati jew maħruġa mid-depożt wara importazzjoni temporanja u t-tneħħija tagħhom;

(ii) tagħti lill-Kontrullur tad-Dwana, meta hekk jitlob, kopji veri u awtentikati ta' dawk il-kontijiet kull xahar jew kull tant żmien kif huwa jistabilixxi;

(iii) tippermetti lill-Kontrullur tad-Dwana jew xi persuna awtorizzata minnu għal hekk f'kull ħin raġonevoli li jispezzjona l-kontijiet imsemmija fis-sub-paragrafu (i) ta' dan il-paragrafu u kull *stock* ta' oġġetti jew materjali miżmuma fil-post tagħha mill-persuna msemmija fl-ordni għall-iskop ta' żgurar li l-kondizzjonijiet kollha dwar l-importazzjoni temporanja ta' dawk l-*istocks* ikunu qed jiġu mwettqa.

(4) Meta f'oġġetti jew materjali miżmuma fuq importazzjoni temporanja skond dan l-artikolu jsir xi ħala normali fil-proċess ta' produzzjoni, kull materjal ta' ħala għandu jiġi mneħħi kif jippermetti l-Kontrullur tad-Dwana, sew bi ħlas ta' dazju qabel il-bejgħ jew ħielsa minn dazju wara li jiġu meqruda taħt sorveljanza tad-Dwana.

(5) Meta xi oġġetti jew materjali miżmuma fuq importazzjoni temporanja skond dan l-artikolu —

(i) jiġu mneħħija f'Malta sew fl-istat tagħhom oriġinali jew wara inkorporazzjoni f'oġġetti lesti skond permess bil-miktub maħruġ mill-Kontrullur tad-Dwana.kif ingħad qabel; jew

(ii) huma murija għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur tad-Dwana li jkunu ġew mitlufa inevitabbilment minħabba ċirkostanzi li fuqhom ma kellhiex kontroll il-persuna msemmija fl-ordni fuq imsemmi,

f'dak il-każ, f'kull każ bħal dan għandu jitħallas id-dazju fuq dawk l-oġġetti u materjali biss li ma jkunux ġew esportati, ħlief għal dak il-ħala li jista' jiġi permess li jkun meqrud skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 32 jekk il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ġiet miksura jew ma tkunx ġiet imħarsa, il-Ministru jkun jista' jħassar l-ordni magħmul minnu skond dan l-artikolu u l-importatur jew sid milqut b'dak it-tħassir għandu minnufih iħallas id-dazju shih fuq dawk l-oġġetti jew materjali miżmuma fuq importazzjoni temporanja li ma jistax jingħata kont tagħhom għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur tad-Dwana.

Dispożizzjonijiet speċjali għal importazzjoni ta' oġġetti maħsubin għal fieri, eċċ.

31. Il-Ministru jista', b'regolamenti taħt dan l-Att, jagħmel provvedimenti biex iqiegħed fis-seħħ xi ftehim jew konvenzjoni internazzjonali li tagħhom il-Gvern ta' Malta jista' jkun parti, sabiex oġġetti għall-wiri jew għall-użu f'esibizzjonijiet, fieri, laqgħat jew avvenimenti simili jkunu jistgħu jiġu importati f'Malta, mingħajr il-ħlas ta' dazju taħt dan l-Att, liema regolamenti jistgħu partikolarment jippreskrivu l-formoli, il-proċeduri u l-garanziji, li għandhom jintużaw, jiġu adottati jew mogħtija in konnessjoni magħhom.

Reati dwar importazzjoni temporanja skond l-artikolu 30.

32. Meta xi importatur jew sid li jkun sar favur tiegħu ordni skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 inehhi f'Malta xi oġġetti jew materjali msemmija f'dak l-ordni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kontrullur tad-Dwana jew ma jkunx jista' sodisfaċentement jagħti kont dwar xi oġġetti jew materjali bħal dawk, dak l-importatur jew sid ikun ħati ta' reat u jeħel, wara li jiġi misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrullur tad-Dwana, multa daqs tliet darbiet il-valur ta' l-oġġetti jew tal-materjali jew ħamsin lira Maltija, liema minnhom tkun l-aktar, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Oġġetti jew materjali importati għal produzzjoni ndustrijali.

33. Meta t-Tariffa tad-Dwana tipprovdi li oġġetti li xort'oħra huma suġġetti għal dazju jistgħu jiġu mportati ħielsa minn dazju jew suġġetti għal ħlas ta' rata iktar baxxa ta' dazju għax ikunu dikjarati li huma maħsuba "għal produzzjoni ndustrijali" jew "għal użu agrikolu" jew "għal użu tas-sajd", dik l-importazzjoni ħielsa minn dazju jew suġġetta għal ħlas ta' rata iktar baxxa ta' dazju tkun permessa salv it-twettieq ta' kull kondizzjonijiet bħal dawk kif jistgħu jiġu preskritti sabiex l-oġġetti jew materjali jistgħu jiġu meqjusa bħala li ġew importati għal xi wieħed mill-imsemmija għanijiet u salv is-sodisfazzjoni tal-Kontrullur tad-Dwana li l-oġġetti jew materjali jkunu hekk ġew importati u li kull kondizzjonijiet imsemmija kif intqal qabel ikunu ġew imwettqa.

Reati minn korp ta' persuni.

34. Meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew ordni magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn għaqda jew korp ta' persuni, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dik l-għaqda jew korp ta' persuni, jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga bħal dik, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li dak ir-reat kien sar

mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-deliġenza kollha xierqa biex ma tħallix li jsir ir-reat.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

35. Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti —

(a) dwar il-ġbir ta' dazji ta' importazzjoni taħt ir-rati ġenerali u r-rati tal-Kommunità Ekonomika Ewropea murija fil-kolonni rispettivi tat-Tariffa tad-Dwana.

(b) biex jippreskrivi d-dewmien u l-kondizzjonijiet tal-permessi maħruġa skond l-artikolu 16 ta' dan l-Att, il-gruppi ta' oġġetti li għalihom igħodd dan l-artikolu, il-proċedura li għandha tkun imħarsa biex jiġi protett l-erarju u biex jiġi żgurat kontroll xieraq talbejgħ ta' dawk l-oġġetti;

(ċ) biex jipprovdu li kull persuna li tikser jew tonqos milli tħares xi regolamenti magħmula skond dan l-Att tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, ad istanza tal-Kontrullur tad-Dwana jew xort'oħra, pieni li ma jeċċedux multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira Maltija jew ammont daqs tliet darbiet id-dazju ta' importazzjoni li għandu jitħallas fuq kull oġġett li dwaru jkun sar ir-reat, liema jkun l-akbar, jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien;

(d) biex jippreskrivi kull ħaġa li tista' tkun preskritta; u

(e) b'mod ġenerali għal kull għan ieħor li għandu x'jaqsam mat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Qorti kompetenti f'ċerti każijiet.

36. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull azzjoni għall-ġbir ta' xi dazju ta' importazzjoni, jew ta' xi differenza fid-dazju ta' importazzjoni, li jinġabar jew li għandu jinġabar taħt dan l-Att għandha ssir, skond il-każ, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżira ta' Malta fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna wkoll fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha.

Tħassir u riżerva Att Nru. XXV ta' l-1976

37. (1) L-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni huwa b'dan imħassar.

Att Nru. VII ta' l-1975.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni, ir-regolamenti, l-ordnijiet u l-atti l-oħra kollha li kienu miżmuma fis-seħħ bl-Att imħassar bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u kull regolamenti, ordnijiet u atti oħra magħmula taħt l-imsemmi Att barra minn xi stampar mill-ġdid tat-Tariffa tad-Dwana magħmul taħt l-artikolu 25 ta' dak l-Att li għandu jiġi mħassar, għandhom jekk u kif kienu fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu jitqiesu li saru tħat dan l-Att u għandhom jibqgħu fis-seħħ u jistgħu jiġu emendati, mibdula, imħassra jew xort'oħra jsir dwarhom skond hekk.

2937.92.00	– – *Oestrogen* u *progestogens*	0	0
2937.99.00	– – Oħrajn	0	0
	XII. *GLYCOSIDES* U ALKALOJDI VEĠETALI, NATURALI JEW RIPRODOTTI B'SINTESI, U MELĦ, ETERI, ESTERS U DERIVATI OĦRA TAGĦHOM		
29.38	***Glycosides*, naturali jew riprodotti b'sintesi u melħ, eteri, *esters* u derivati oħra tagħhom:**		
2938.10.00	– *Rutoside* (*rutin*) u d-derivati tiegħu	0	0
2938.90.00	– Oħrajn	0	0
29.39	**Alkalojdi veġetali, naturali jew riprodotti b'sintesi, u melħ, eteri, esteri u derivati oħra tagħhom:**		
2939.10.00	– Alkalojdi tal-oppju u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom	0	0
	– Alkalojdi taċ-ċinkona u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom:		
2939.21.00	– – Kinina u melħ tagħha	0	0
2939.29.00	– – Oħrajn	0	0
2939.30.00	– Kafeina u melħ tagħha	0	0
2939.40.00	– Efedrina u melħ tagħha	0	0
2939.50.00	– Teofillina u aminofillina (*theophylline-ethylenediamine*) u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom	0	0
2939.60.00	– Alkalojdi ta' *rye ergot* (marda tal-irmied tal- qamħ) u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom	0	0
2939.70.00	– Nikotina u melħ tagħha	0	0
2939.90.00	– Oħrajn	0	0
	XIII. KOMPOSTI OĦRA ORGANIĊI		
29.40 00.00	**Zokkor, kimikament pur, minbarra zokkor tal-kannamieli, zokkor lattosju, *maltose*, glukosju u fruttosju; eteri taz-zokkor u *esters* taz-zokkor, u melħ tagħhom, minbarra prodotti ta' l-intestaturi Nri. 29.37, 29.38 jew 29.39**	0	0
29.41	**Antibijotiċi:**		
2941.10.00	– Penicillini u d-derivati tagħhom li għandhom struttura tal-*penicillanic acid;* melħ tagħhom	0	0
2941.20.00	– *Streptomycins* u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom	0	0
2941.30.00	– *Tetracyclins* u d-derivati tagħhom; melħ tagħhom	0	0
2941.40.00	– *Chloramphenicol* u d-derivati tiegħu; melħ tagħhom	0	0
2941.50.00	– *Erythromycin* u d-derivati tiegħu; melħ tagħhom	0	0
2941.90.00	– Oħrajn	0	0
29.42 00.00	**Komposti oħra organiċi**	0	0

Kapitolu 30

Prodotti Farmaċewtiċi

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) ikel u xorb (bħalma huma ikel dietetiku, dijabetiku jew imsaħħaħ, supplimenti ta' l-ikel, xorb toniku u ilma minerali) (Sezzjoni IV);
   (b) ġibs speċjalment kalċinat jew mitħun fin għal użu fid-dentistrija (intestatura Nru. 25.20);
   (ċ) distillati akkwużi jew soluzzjonijiet akkwużi ta' żjut essenzjali, addattati għal użu mediċinali (intestatura Nru. 33.01);
   (d) preparati ta' l-intestaturi Nri. 33.03 sa 33.07, ukoll jekk ikollhom proprjetajiet terapewtiċi jew profilattiċi;
   (e) sapun jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 34.01, li jkun fihom mediċamenti miżjuda;
   (f) preparati b'bażi tal-ġibs biex jintużaw fid-dentistrija (intestatura Nru. 34.07); jew
   (ġ) albumina tad-demm mhux preparata għal użu terapewtiku jew profilattiku (intestatura Nru. 35.02).
2. Għall-finijiet ta' l-intestaturi Nri. 30.03 u 30.04 u tan-Nota 3(d) ta' dan il-Kapitolu, dawn li ġejjin għandhom jiġu trattati:
   (a) bħala prodotti mhux imħallta:
      (1) prodotti mhux imħallta maħlula fl-ilma;
      (2) l-oġġetti kollha tal-Kapitolu 28 jew 29; u
      (3) estratti veġetali sempliċi ta' l-intestatura Nru. 13.02, sempliċement standardizzati jew maħlula f'xi solvent;
   (b) bħala prodotti li jkunu ġew imħallta:
      (1) soluzzjonijiet kolloidali u sospensjonijiet (minbarra kubrit kolloidali);
      (2) estratti veġetali miksubin bit-trattament ta' taħlitiet ta' materjali veġetali; u
      (3) melħ u konċentrati miksubin bl-evaporazzjoni ta' ilma minerali naturali.
3. L-intestatura Nru. 30.06 tapplika biss għal dawn li ġejjin, li għandhom jiġu klassifikati f'dik l-intestatura u f'ebda intestatura oħra ta' din l-Iskeda:
   (a) *Catgut* kirurġiku sterili, materjali ta' sutura sterili bħalhom u adeżivi tat-tessut sterili għall-għeluq kirurġiku tal-feriti;
   (b) *laminaria* sterili u *laminaria tents* sterili;
   (ċ) emostatiċi assorbenti sterili kirurġiċi jew dentali;
   (d) preparati ta' opaċità għal eżamijiet X-ray, u reaġenti diagnostiċi maħsuba biex jiġu amministrati lill-pazjent, li jkunu prodotti mhux imħallta magħmula f'dożi mkejla jew prodotti li jikkonsistu f'żewġ ingredjenti jew aktar li jkunu ġew imħallta flimkien għal dak l-użu;
   (e) reaġenti għall-klassifikazzjoni tad-demm;
   (f) *cement* dentali u mili dentali ieħor; *cements* għar-rikostruzzjoni ta' l-għadam;
   (ġ) kaxex u *kits* ta' l-ewwel għajnuna; u
   (ħ) preparati kontraċettivi kimiki bbażati fuq *hormones* jew spermiċidi.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
30.01	**Glandoli u organi oħra għal użu organo-terapewtiku, sew jekk polverizzati sew jekk le; estratti ta' glandoli jew ta' organi oħra jew tas-sekrezzjonijiet tagħhom għal użu organo-terapewtiku; *heparin* u l-melħ tiegħu; sustanzi oħra ta' l-annimali preparati għal użu terapewtiku jew profilattiku, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:**		
3001.10.00	– Glandoli u organi oħra, imnixxfin sew jekk polverizzati sew jekk le ...	0	0
3001.20.00	– Estratti ta' glandoli jew organi oħra jew tas-sekrezzjonijiet tagħhom .	0	0
3001.90.00	– Oħrajn	0	0
30.02	**Demm tal-bniedem; demm ta' l-annimali preparat għal użu terapewtiku, profilattiku jew diagnostiku; *antisera* u frazzjonijiet oħra tad-demm; vaċċini, tossini, koltura ta' mikro-organiżmi (minbarra ħmira) u prodotti simili:**		
3002.10.00	– *Antisera* u frazzjonijiet oħra tad-demm	0	0
3002.20.00	– Vaċċini għal mediċina tal-bniedem	0	0
	– Vaċċini għal mediċina veterinarja:		
3002.31.00	– – Vaċċini kontra l-mard ta' l-ilsien u d-dwiefer	0	0
3002.39.00	– – Oħrajn	0	0
3002.90.00	– Oħrajn	0	0
30.03	**Mediċamenti (esklużi oġġetti ta' l-intestatura Nru. 30.02, 30.05 jew 30.06) li jikkonsistu f'żewġ kostitwenti jew aktar li jkunu ġew imħallta flimkien għal użu terapewtiku jew profilattiku, mhux magħmul f'dożi mkejla jew f'għamliet jew pakki għall-bejgħ bl-imnut:**		
3003.10.00	– Li jkun fihom penićillini jew derivattivi tagħhom, bi struttura ta' aċidu penićillaniku, jew *streptomycins* jew derivattivi tagħhom	0	0

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
3003.20.00	– Li jkun fihom antibiotiċi oħra	0	0
	– Li jkun fihom *hormones* jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 29.37 iżda li ma jkunx fihom antibiotiċi:		
3003.31.00	– – Li jkun fihom l-insulina	0	0
3003.39.00	– – Oħrajn	0	0
3003.40.00	– Li jkun fihom *alkaloids* jew derivattivi tagħhom iżda ma jkunx fihom *hormones* jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 29.37 jew antibiotiċi	0	0
3003.90.00	– Oħrajn	0	0
30.04	**Medikamenti (esklużi oġġetti ta' l-intestatura Nru. 30.02, 30.05 jew 30.06) li jkunu jikkonsistu fi prodotti mħallta jew mhux imħallta għal użu terapewtiku jew profilattiku, magħmul f'doži mkejla jew f'għamliet jew pakki għall-bejgħ bl-imnut:**		
3004.10.00	– Li jkun fihom peniċillini jew derivattivi tagħhom, bi struttura ta' aċidu peniċillaniku jew *streptomycins* jew id-derivattivi tagħhom	0	0
3004.20.00	– Li jkun fihom antibiotiċi oħra	0	0
	– Li jkun fihom *hormones* jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 29.37 iżda ma jkunx fihom antibiotiċi:		
3004.31.00	– – Li jkun fihom l-insulina	0	0
3004.32.00	– – Li jkun fihom *adrenal cortex hormones*	0	0
3004.39.00	– – Oħrajn	0	0
3004.40.00	– Li jkun fihom *alkaloids* jew derivattivi tagħhom iżda ma jkunx fihom *hormones*, prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 29.37 jew antibiotiċi	0	0
3004.50.00	– Medikamenti oħra li jkun fihom vitamini jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 29.36	0	0
3004.90.00	– Oħrajn	0	0
30.05	**Tajjar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, *dressings*, impjastri adeżivi, kataplasmi), imprenjati jew miksija b'sustanzi farmaċewtiċi jew imqiegħda f'għamliet jew pakki għall-bejgħ bl-imnut għal skopijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji:**		
3005.10.00	– *Dressings* adeżivi u oġġetti oħra li jkollhom saff adeżiv	20	10
3005.90.00	– Oħrajn	20	10
30.06	**Oġġetti farmaċewtiċi speċifikati fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu:**		
3006.10.00	– *Catgut* kirurġiku sterili, materjali ta' sutura sterili bħalu u adeżiv tat-tessut sterili għall-għeluq kirurġiku tal-feriti; *laminaria* sterili u *laminaria tents* sterili; emostatiċi assorbenti sterili kirurġiċi jew dentali	20	10
3006.20.00	– Reaġenti għall-klassifikazzjoni tad-demm	20	10
3006.30.00	– Preparati ta' opaċità għal eżamijiet X-ray, reaġenti diagnostiċi maħsubin biex jiġu amministrati lill-pazjent	20	10
3006.40.00	– Cements dentali u mili ieħor dentali; *cements* għall-kostruzzjoni ta' l-għadam	20	10
3006.50.00	– Kaxex u *kits* ta' l-ewwel għajnuna	20	10
3006.60.00	– Preparati kontraċettivi kimiki ibbażati fuq *hormones* jew spermiċidi ..	20	10

Kapitolu 31

Fertilizzanti

NOTI:—

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) demm ta' l-annimali ta' l-intestatura Nru. 05.11;
   (b) komposti definiti separati kemikament (barra minn dawk li jwieġbu għad-deskrizzjonijiet fin-Noti 2A, 3A, 4A jew 5 ta' hawn taħt); jew
   (ċ) kristalli koltivati tal-potassju tal-kloruru (barra mill-elementi ottiċi) li jiżnu mhux inqas minn 2.5 grammi kull wieħed ta' l-intestatura Nru. 38.23, elementi ottiċi tal-potassju tal-kloruru (intestatura Nru. 90.01).

2. L-intestatura Nru. 31.02 tapplika biss għal dawn l-oġġetti li ġejjin, kemm il-darba ma jkunux fil-forma jew f'pakki deskritti fl-intestatura Nru. 31.05.

   A. Oġġetti li jwieġbu għal waħda jew oħra mid-deskrizzjonijiet mogħtija hawn taħt:
      (i) nitrat tas-sodju, sew jekk pur sew jekk le;
      (ii) nitrat ta' l-ammonju, sew jekk pur sew jekk le;
      (iii) melħ doppju, sew jekk pur sew jekk le, tas-sulfat ta' l-ammonju jew tan-nitrat ta' l-ammonju;
      (iv) sulfat ta' l-ammonju, sew jekk pur sew jekk le;
      (v) melħ doppju (sew jekk pur sew jekk le) jew taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat ta' l-ammonju;
      (vi) melħ doppju (sew jekk pur sew jekk le) jew taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat tal-manjesju;
      (vii) kalċju ċijanammidu, sew jekk pur jew trattat biż-żejt sew jekk le;
      (viii) *urea*, sew jekk pur sew jekk le.

   B. Fertilizzanti li jikkonsistu f'xi oġġetti deskritti f'(A) ta' hawn fuq, imħalltin flimkien.

   Ċ. Fertilizzanti li jikkonsistu fi klororu ta' l-ammonju jew f'xi oġġetti deskritti f'(A) jew (B) ta' hawn fuq, imħalltin mall-ġibs, *gypsum* jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti.

   D. Fertilizzanti likwidi li jikkonsistu fl-oġġetti tas-subparagrafu (ii) jew (viii) ta' hawn fuq, sew f'taħlitiet ta' dawk l-oġġetti, f'soluzzjoni akkwuża jew ammonjakali.

3. L-intestatura Nru. 31.03 tapplikà biss għal dawn l-oġġetti li ġejjin, kemm il-darba ma jkunux fil-forom jew pakki deskritti fl-intestatura Nru. 31.05.

   A. Oġġetti li jwieġbu għal waħda jew oħra mid-deskrizzjonijiet mogħtija hawn taħt:
      (i) Gagazza bażika;
      (ii) fosfati naturali ta' l-intestatura Nru. 25.10, kalċinati jew trattati bis-sħana iżjed minn biex jitneħħew l-impuritajiet;
      (iii) superfosfati (singoli, doppji jew tripli);
      (iv) *Calcium hydrogenorthophosphate* li fih mhux inqas minn 0.2% f'dak li hu piż ta' *fluorine* ikkalkulat fuq il-prodott *anhydrous* xott.

   B. Fertilizzanti li jikkonsistu f'xi wieħed mill-oġġetti deskritti f'A ta' hawn fuq, imħalltin flimkien, iżda bla ma jittieħed kont tal-limitu ta' kontenut ta' *flourine*.

   Ċ. Fertilizzanti li jikkonsistu f'xi wieħed mill-oġġetti deskritti f'(A) jew (B) ta' hawn fuq, iżda bla ma jittieħed kont tal-limitu tal-kontenut ta' *flourine imħalltin mall-ġibs, gypsum* jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti.

4. L-intestatura Nru. 31.04 tapplika biss għal dawn l-oġġetti li ġejjin, kemm il-darba ma jkunux fil-forom jew pakki deskritti fl-intestatura Nru. 31.05:

   A. Oġġetti li jwieġbu għal waħda jew oħra mid-deskrizzjonijiet mogħtija hawn taħt:
      (i) melħ naturali krud tal-potassju (per eżempju, *carnalite, kainite* u *sylvite*);
      (ii) *kloruru tal-potassju, sew jekk pur sew jekk le, barra minn kif provdut fin-Nota 1(ċ) hawn fuq;*
      (iii) *sulfat tal-potassju, sew jekk pur sew jekk le;*
      (iv) *magnesium potassium sulphate*, sew jekk pur sew jekk le.

   B. Fertilizzanti li jikkonsistu f'xi wieħed mill-oġġetti deskritti f'(A) ta' hawn fuq, imħalltin flimkien.

5. *Ammonium dihydrogenorthophosphate (monoammonium phosphate)* u *diammonium hydrogenorthophosphate (diammonium phosphate)*, sew jekk puri sew jekk le, u taħlitiet tagħhom flimkien, għandhom jiġu klassifikati fl-intestatura Nru. 31.05.

6. Għall-finijiet ta' l-intestatura Nru. 31.05, il-kliem "fertilizzanti oħra" japplikaw għal prodotti tax-xorta użati bħa'a fertilizzanti u li fihom, bħala kostitwenti essenzjali, mill-inqas wieħed mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru jew potassju.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
31.01 00.00	**Fertilizzanti animali jew vegetali, sew jekk ikunu jew ma jkunux imħalltin flimkien jew trattati kimikament; fertilizzanti prodotti bit-taħlit jew bit-trattament kimiku ta' prodotti animali jew vegetali**	0	0

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
31.02	**Fertilizzanti, minerali jew kimiċi, nitroġeni:**		
3102.10.00	– Urea, sew jekk f'soluzzjonijiet akkwużi sew jekk le	0	0
	– Sulfat ta' l-ammonju; melħ doppju u taħlitiet ta' l-ammonju u nitrat ta' l-ammonju:		
3102.21.00	– – Sulfat ta' l-ammonju	0	0
3102.29.00	– – Oħrajn	0	0
3102.30.00	– Nitrat ta' l-ammonju, sew jekk f'soluzzjoni akkwuża sew jekk le	0	0
3102.40.00	– Taħlitiet ta' nitrat ta' l-ammonju bil-*calcium carbonate* jew sustanzi oħra mhux fertilizzanti inorganiċi	0	0
3102.50.00	– Nitrat tas-sodju	0	0
3102.60.00	–Melħ doppju u taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat ta' l-ammonju	0	0
3102.70.00	– Kalċju ċijanammidu	0	0
3102.80.00	– Taħlitiet ta' urea u nitrat ta' l-ammonju, f'soluzzjoni akkwuża jew ammonjakali	0	0
3102.90.00	– Oħrajn, inklużi taħlitiet mhux speċifikati fis-subintestaturi ta' qabel din	0	0
31.03	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, fosfatiċi:**		
3103.10.00	– Superfosfati	0	0
3103.20.00	– Gagazza bażika	0	0
3103.90.00	– Oħrajn	0	0
31.04	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, potassiċi:**		
3104.10.00	– *Carnalite, sylvite* u melħ naturali krud tal-potassju ieħor	0	0
3104.20.00	– Kloruru tal-potassju	0	0
3104.30.00	– Sulfat tal-potassju	0	0
3104.90.00	– Oħrajn	0	0
31.05	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, li fihom tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju; fertilizzanti oħra; oġġetti ta' dan il-Kapitolu f'forma ta' *tablets* jew forom simili jew f'pakki ta' piż gross li ma jeċċedix 10 kg:**		
3105.10.00	– Oġġetti ta' dan il-Kapitolu f'*tablets* jew forom simili jew f'pakki ta' piż gross li ma jeċċedix 10 kg	0	0
3105.20.00	– Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom it-tliet elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju	0	0
3105.30.00	– *Diammonium hydrogenorthophosphate (diammonium phosphate)* ...	0	0
3105.40.00	– *Ammonium dihydrogenorthophosphate (monoammonium phosphate)* u taħlitiet tagħhom bid-*diammonium hydrogenorthophosphate (diammonium phosphate)*	0	0
	– Fertilizzanti minerali jew kimiċi oħra li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti nitroġenu u fosfru:		
3105.51.00	– – Li jkun fihom nitrati u fosfati	0	0
3105.59.00	– – Oħrajn	0	0
3105.60.00	– Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosfru u potassju	0	0
3105.90.00	– Oħrajn	0	0

Kapitolu 32

Estratti għall-Ikkunzar jew għat-Tintura; Tannin u d-Derivati tiegħu; Tinturi, Pigmenti u Materja Koloranti oħra; Żebgħa u Verniċi, Stokk u Mastiċi oħra; Linka

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) elementi jew komposti separati kimikament definiti (minbarra dawk li jaqgħu taħt l-intestatura Nru. 32.03 jew 32.04, prodotti inorganiċi ta' xorta li tintuża bħala *luminophores* (intestatura Nru. 32.06), ħġieġ miksub minn kwarzu mdewweb jew silika oħra mdewba fil-forom li hemm provdut għalihom fl-intestatura Nru. 32.07, u wkoll tinturi u materja koloranti oħra f'forom jew pakketti għall-bejgħ bl-imnut, ta' l-intestatura Nru. 32.12);
   (b) *tannates* jew derivati oħra tat-tannin ta' prodotti ta' l-intestaturi Nri. 29.36 sa 29.39, 29.41 jew 35.01 sa 35.04; jew
   (ċ) mestiċi ta' asfalt jew mastiċi bituminużi oħra (intestatura Nru. 27.15).
2. L-intestatura Nru. 32.04 tinkludi taħlitiet ta' melħ dijazonju stabbilizzati u *couplers* għall-produzzjoni ta' koloranti azojċi.
3. L-intestaturi Nri. 32.03, 32.04, 32.05 u 32.06 japplikaw ukoll għal preparati bbażati fuq materji koloranti (magħdudin fil-każ ta' l-intestatura Nru. 32.06, pigmenti koloranti ta' l-intestatura Nru. 25.30 jew Kapitolu 28, fjokki tal-metall u trab tal-metall), ta' xorta wżata għall-kulur ta' xi materjal koloranti. L-intestaturi ma japplikawx, iżda għal pigmenti dispersi f'mezz mhux ta' l-ilma, fil-forma ta' likwidu jew pasta, ta' xorta wżata fil-manifattura taż-żebgħa, magħdudin *enamels* (intestatura Nru. 32.12), jew għal preparati oħra ta' l-intestatura Nru. 32.07, 32.08, 32.09, 32.10, 32.12, 32.13 jew 32.15.
4. L-intestatura Nru. 32.08 tinkludi soluzzjonijiet (li ma jkunux kollodji) li jikkonsistu f'xi wieħed mill-prodotti speċifikati fl-intestaturi Nri. 39.01 sa 39.13 f'solventi organiċi volatili, meta l-piż tas-solvent ikun ta' aktar minn 50% tal-piż tas-soluzzjoni.
5. F'dan il-Kapitolu, "materja koloranti" ma tinkludix prodotti ta' xorta wżata bħala *extenders* fiż-żebgħa taż-żejt, sew jekk ikunu jew ma jkunux tajbin ukoll għall-għoti tal-kulur lil *distempers*.
6. L-espressjoni *"stamping foils"*, fl-intestatura Nru. 32.13, tapplika biss għal folji irqaq ta' xorta wżata għall-istampar, per eżempju, tal-qxur tal-kotba jew iż-żigarelli tal-kpiepel, u li jikkonsistu fi:
   (a) trab metalliku (inkluż trab ta' metall prezzjuż), jew pigment, agglomerat bil-kolla, ġelatina jew materjal ieħor li jwaħħal; jew
   (b) metall (inkluż metall prezzjuż) jew pigment, depożitat fuq folja ta' support ta' xi materjal.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
32.01	**Estratti ta' l-ikkunzar ta' oriġini veġetali; tannin u l-melħ tagħhom, eteri, *esters* u derivati oħra:**		
3201.10.00	– Estratt tal-*quebracho*	0	0
3201.20.00	– Estratt ta' l-għasluġ	0	0
3201.30.00	– Estratt tal-ballut jew qastan	0	0
3201.90.00	– Oħrajn	0	0
32.02	**Sustanzi sintetiċi organiċi ta' l-ikkunzar u sustanzi ta' l-ikkunzar inorganiċi; preparati għall-ikkunzar, sew jekk fihom materjali naturali ta' l-ikkunzar sew jekk le; preparati enzimatiċi għal qabel l-ikkunzar:**		
3202.10.00	– Sustanzi organiċi sintetiċi għall-ikkunzar	0	0
3202.90.00	– Oħrajn	0	0
32.03 .00.00	**Materjal koloranti ta' oriġini veġetali jew ta' annimali (inkluż estratti għat-tintura iżda eskluż l-*animal black*), sew jekk kimikament definiti sew jekk le; preparati bbażati fuq materja koloranti ta' oriġini veġetali jew ta' annimali kif speċifikat fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu**	0	0
32.04	**Materja koloranti organika sintetika sew jekk kimikament definita sew jekk le; preparati bbażati fuq materja koloranti organika sintetika kif speċifikat fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu; prodotti organiċi sintetiċi ta' xorta wżata bħala *fluorescent brightening agents* jew bħala *luminophores*, sew jekk kimikament definiti sew jekk le:**		
	– Materjal koloranti sintetiku organiku u preparazzjonijiet ibbażati fuq dak kif speċifikat fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu:		
3204.11.00	– – Tinturi disperdenti u preparati bbażat fuqhom	0	0
3204.12.00	– – Tinturi aċidi, sew jekk qabel ikunu ġew metallizzati sew jekk le, u preparati bbażati fuqhom; tinturi mordenti u preparati bbażati fuqhom	0	0
3204.13.00	– – Tinturi bażiċi u preparati bbażati fuqhom	0	0
3204.14.00	– – Tinturi diretti u preparati bbażati fuqhom	0	0

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
3204.15.00	– – *Vat dyes* (inklużi dawk li jistgħu jintużaw f'dak l-istat bħala pigmenti) u preparati bbażati fuqhom	0	0
3204.16.00	– – Tinturi reattivi u preparati bbażati fuqhom	0	0
3204.17.00	– – Pigmenti u preparati bbażati fuqhom	0	0
3204.19.00	– – Oħrajn, inklużi taħlitiet ta' materja koloranti ta' tnejn jew aktar tas-sub-intestaturi Nri. 3204.11.00 sa 3204.19.00	0	0
3204.20.00	– Prodotti organiċi sintetiċi ta' xorta użata bħala *fluorescent brightening agents*	0	0
3204.90.00	– Oħrajn	0	0
3205 00.00	***Colour lakes*; preparazzjonijiet ibbażati fuq *colour lakes* kif speċifikati fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu**	0	0
32.06	**Materja koloranti oħra; preparati kif speċifikat fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu, minbarra dawk ta' l-intestatura Nru. 32.03, 32.04 jew 32.05; prodotti inorganiċi ta' xorta użata bħala *luminophores*, sew jekk kimikament definiti sew jekk le:**		
3206.10.00	– Pigmenti u preparati bbażati fuq diossidu tat-titanju	0	0
3206.20.00	– Pigmenti u preparati bbażati fuq komposti tal-kromju	0	0
3206.30.00	– Pigmenti u preparati bbażati fuq komposti tal-kadmju	0	0
	– Materja koloranti u preparati oħra:		
3206.41.00	– – *Ultramarine* u preparati bbażati fuqha	0	0
3206.42.00	– – Lithopone u pigmenti preparati oħra bbażati fuq sulfidu taż-żingu	0	0
3206.43.00	– – Pigmenti u preparati bbażati fuq *hexacyanoferrates (ferrocyanides* u *ferricyanides)*	0	0
3206.49.00	– – Oħrajn	0	0
3206.50.00	– Prodotti inorganiċi ta' xorta użata bħala *luminophores*	0	0
32.07	**Pigmenti preparati, *opacifiers* preparati u kuluri preparati, *enamel* u *glazes* vetrifikabbli, *engobes (slips)*, lastri likwidi u preparati simili, ta' xorta użata fl-industrija taċ-ċeramika, ta' l-*enamel* jew tal-ħġieġ; *frit* tal-ħġieġ, granuli jew fjokki:**		
3207.10.00	– Pigmenti preparati, *opacifiers* preparati, kuluri preparati u preparati simili	0	0
3207.20.00	– Enamel u glazes vetrifikabbli, *engobes (slips)* u preparati simili	0	0
3207.30.00	– Lustri likwidi u preparati simili	0	0
3207.40.00	– *Frit* tal-ħġieġ u ħġieġ ieħor, f'għamla ta' trab, granuli jew fjokki	0	0
32.08	**Żebgħat u verniċi (magħduda enamel u *lacquers)* ibbażati fuq *polymers* sintetiċi jew *polymers* naturali kimikament modifikati, dispersi jew imħolla f'mezz mhux ta' l-ilma; soluzzjonijiet kif definiti fin-Nota 4 ta' dan il-Kapitolu:**		
3208.10.00	– Ibbażati fuq *polyesters*	27	13
3208.20.00	– Ibbażati fuq *acrylic* jew *vinyl polymers*	27	13
3208.90.00	– Oħrajn	27	13
32.09	**Żebgħat u verniċi (inklużi enamel u *lacquers)* ibbażati fuq *polymers* sintetiċi jew *polymers* naturali kimikament modifikati, dispersi jew imħolla f'mezz ta' l-ilma:**		
3209.10.00	– Ibbażata fuq *acrylic* jew *vinyl polymers*	27	13
3209.90.00	– Oħrajn	27	13
3210 00.00	**Żebgħat u verniċi oħra (inklużi enamel, *lacquers* u *distempers*); pigmenti ta' l-ilma preparati ta' xorta użata għall-finitura tal-ġilda**	27	13
3211 00.00	**Nixxiefa preparati**	10	6.5
32.12	**Pigments (magħduda trab u fjokki metalliċi) dispersi f'mezz mhux ta' l-ilma, fil-forma ta' likwidu jew pasta, ta' xorta użata fil-manifattura taż-żebgħa (inkluż enamel); *stamping foils*; tinturi u materja koloranti oħra f'forom jew pakketti għall-bejgħ bl-imnut:**		
3212.10.00	– *Stamping foils*	0	0
	– Oħrajn:		
3212.90.11	– – – Aluminju f'għamla ta' pasta f'reċipjenti ta' mhux anqas minn 50 kg piż nett	0	0

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
3212.90.19	– – – Ohrajn	27	13
32.13	**Kuluri ta' l-artisti, ta' l-istudenti jew taż-żebbiegħa tat-tabelli, kuluri tal-modifika, kuluri tal-passatemp u kuluri bħalhom, f'*tablets*, tubi, vażetti, fliexken, *pans* jew f'forom jew pakketti simili:**		
3213.10.00	– Kuluri f'settijiet	37	23
3213.90.00	– Ohrajn	37	23
32.14	**Stokk tal-ħaddiema tal-ħġieġ; stokk tat-tilqim; siment tar-raża, komposti tal-*caulking* u mastiċi oħra; mili taż-żebbiegħa; preparata mhux refrattarji għall-kisi ta' faċċati, ħitan ta' ġewwa, art, soqfa u bħalhom:**		
	– Mastiċi; mili taż-żebbiegħa:		
3214.10.10	– – – *Sealing wax* (magħdud *sealing wax* għall-fliexken) fi stikek, *cakes* jew f'għamliet simili	27	13
3214.10.90	– – – Ohrajn	37	23
32.15	**Linka ta' l-istampar, linka tal-kitba, jew linka tat-tpinġija u linka oħra, sew ikunu jew ma jkunux konċentrati jew solidi:**		
	– Linka ta' l-istampar:		
3215.11.00	– – Sewda	0	0
3215.19.00	– – Ohrajn	0	0
	– Ohrajn:		
3215.90.10	– – – Linka tad-duplikar	0	0
3215.90.90	– – – Ohrajn	27	13

Kapitolu 33

Żjut essenzjali u Reżinojdi; Preparati tal-profumerija, kosmetiċi u tat-twaletta

NOTI—

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:

   (a) preparati alkoholiċi komposti tax-xorta wżata għall-manifattura tax-xorb, ta' l-intestatura Nru. 22.08;
   (b) sapun jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 34.01;
   (ċ) trementina tal-gomma, ta' l-injam jew tas-sulfat jew prodotti oħra ta' l-intestatura Nru. 38.05.

2. L-intestaturi Nri. 33.03 sa 33.07 japplikaw, *inter alia*, għal prodotti, sew jekk imħalltin sew jekk le (minbarra distillati akkwużi u soluzzjonijiet akkwużi ta' żjut essenzjali), adattati biex jintużaw bħala oġġetti ta' dawn l-intestaturi u mqiegħdin f'pakki tax-xorta mibjugħa bl-imnut għal dak l-użu.

3. L-espressjoni "preparati tal-profumerija, kosmetiċi jew tat-twaletta", fl-intestatura Nru. 33.07, tapplika, *inter alia*, għal dawn il-prodotti li ġejjin: *sachets* tal-fwieħa; preparati odoriferi li jaħdmu bil-ħruq; karti profumati imprenjati jew miksijin bil-kosmetiċi; soluzzjonijiet għall-*contact lens* jew għajnejn artifiċjali; *wadding*, feltru u materjal mhux minsuġ, imprenjati, miksijin jew mgħottijin bil-fwieħa jew kosmetiċi; preparati tat-twaletta minn annimali.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Generali*	*K.E.E.*
33.01	**Żjut essenzjali (*terpeneless* jew le), inklużi *concretes* u *absolutes*; reżinojdi; konċentrati ta' żjut essenzjali f'xaħmijiet, fi żjut fissi, f'xama' jew bħalhom, miksubin bl-*enfleurage* jew b'maċerazzjoni; *Terpenic by-products* mid-*deterpenation* ta' żjut essenzjali; distillati akkwużi u soluzzjonijiet akkwużi ta' żjut essenzjali:**		
	– Żjut essenzjali tal-frott taċ-ċitru:		
3301.11.00	– – Tal-bergamot	27	13
3301.12.00	– – Tal-larinġ	27	13
3301.13.00	– – Tal-lumi	27	13
3301.14.00	– – Tal-*lime*	27	13
3301.19.00	– – Oħrajn	27	13
	– Żjut essenzjali minbarra dawk tal-frott taċ-ċitru:		
3301.21.00	– – Tal-ġeranju	27	13
3301.22.00	– – Tal-ġiżimin	27	13
3301.23.00	– – Tal-lavanda jew tal-lavandin	27	13
3301.24.00	– – Tal-*peppermint (Mentha piperita)*	27	13
3301.25.00	– – Ta' menta oħra	27	13
3301.26.00	– – Tal-*vetiver*	27	13
3301.29.00	– – Oħrajn	27	13
3301.30.00	– Reżinojdi	27	13
3301.90.00	– Oħrajn	27	13
33.02	**Taħlitiet ta' sustanzi odoriferi u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoholiċi) b'bażi ta' waħda jew iżjed minn dawn is-sustanzi, tax-xorta wżata bħala materja prima fl-industrija:**		
3302.10.00	– Tax-xorta wżata fl-industrija ta' l-ikel u xorb	27	13
3302.90.00	– Oħrajn	27	13
33.03 00.00	**Profumi u *toilet waters***	80	70
33.04	**Preparati għas-sbuħija jew *make-up* u preparati għall-kura tal-ġilda (minbarra mediċamenti), inklużi preparati *sunscreen* jew *sun tan*; preparati għall-kura ta' l-idejn u tas-saqajn:**		
3304.10.00	– Preparati għall-*make-up* tax-xufftejn	80	70
3304.20.00	– Preparati għal-*make-up* ta' l-għajnejn	80	70
3304.30.00	– Preparati għall-kura ta' l-idejn u tas-saqajn	80	70
	– Oħrajn:		
	– – Terra, sew jekk kompressata sew jekk le:		
3304.91.10	– – – Talcum and terra tat-trabi (bla fwieħa)	27	13

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
3304.91.90	– – – Ohrajn	80	70
	– – Ohrajn:		
3304.99.10	– – – *Barrier creams*, żjut tat-trabi, krema tat-trabi u *lotions* tat-trabi	27	13
3304.99.90	– – – Ohrajn	80	70
33.05	**Preparati għal użu fuq ix-xagħar:**		
3305.10.00	– *Shampoos*	37	23
3305.20.00	– Preparati li jmewġu jew jillixxaw ix-xagħar permanentement	80	70
3305.30.00	– *lacquers* tax-xagħar	80	70
3305.90.00	– Ohrajn	80	70
33.06	**Preparati għall-iġjene tal-ħalq jew tas-snien, inklużi pasta u trab li jwaħħlu d-dentaturi:**		
3306.10.00	– Dentifriċi	27	13
3306.90.00	– Ohrajn	27	13
33.07	**Preparati ta' qabel il-lejha għall-lejha jew ta' wara l-lejha, deodoranti personali, preparati tal-banju, depilatorji u preparati oħra tal-profumerija, kosmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien iehor; *deodorisers*, preparati tal-kmamar, sew jekk ikunu jew ma jkunux profumati jew ikollhom proprjetajiet diżinfettanti:**		
	– Preparati ta' qabel il-lejha, għal-lejha, jew ta' wara l-lejha:		
3307.10.10	– – – Kremi jew *foams* tal-lejha	27	13
3307.10.20	– – – Lapsijiet astringenti	0	0
3307.10.90	– – – Ohrajn	80	70
3307.20.00	– Deodoranti u *antiperspirants* personali	80	70
3307.30.00	– *Bath salts* profumati u preparati oħra tal-banju	80	70
	- Preparati biex iffewwhu jew jiddeodorizzaw il-kamamar, inklużi preparati odoriferi użati waqt riti reliġjuži:		
3307.41.00	– – "*Agarbatti*" u preparati odoriferi oħra li jaħdmu bil-ħruq	80	70
	– – Ohrajn:		
3307.49.10	– – – *Deodorisers*, preparati tal-kmamar li jikkonsistu essenzjalment f'sustanzi li jagħixxu kimikament fuq l-irwejjaħ jew sustanzi maħsuba biex jassorbu l-irwejjaħ fiżikament	27	13
3307.49.90	– – – Ohrajn	80	70
	– Ohrajn:		
3307.90.10	– – – Soluzzjonijiet għall-*contact lenses*	0	0
3307.90.20	– – – *Shampoos* għal użu ta' l-annimali	37	23
3307.90.90	– – – Ohrajn	80	70

Kapitolu 34

Sapun, *surface-active agents* organiċi, preparati tal-ħasil, preparati lubrifikanti, xama' artifiċjali, xama' preparat,preparati għall-illustrar u għall-għerik, xemgħat u oġġetti simili, pasta ta' l-immudellar, "xama' dentali" u preparati dentali b'bażi ta' *plaster*

NOTI—

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) tahlitiet li jittieklu jew preparati ta' xahmijiet ta' annimali jew veġetali jew żjut tax-xorta li jintużaw bħala *mould release preparations* (intestatura Nru. 15.17);
   (b) Komposti separati kimikament definiti; jew
   (c) *shampoos*, dentifriċi, kremi u *foams* tal-lħja, jew preparat tal-banju, li jkun fihom is-sapun jew *surface-active agents* organiċi ohra (intestatura Nru. 33.05, 33.06 jew 33.07).
2. Għall-finijiet ta' l-intestatura Nru. 34.01, l-espressjoni "sapun" tapplika biss għal sapun li jinħall fl-ilma. Sapun u prodotti ohra ta' l-intestatura Nru. 34.01 jista" jkun fihom sustanzi miżjuda (per eżemju, diżinfettanti, trab abrażiv, *fillers* jew medikamenti). Prodotti li jkun fihom trab abraži jibqgħu klassifikati fl-intestatura Nru. 34.01 biss jekk ikunu fil-forma t' *bars*, *cakes*jew biċċiet iffurmati jew ghamliet. F'ghamliet ohra huma handhom jiġu klassifikati fl-intestatura Nru. 34.05 bhala "trab ta' l-għerik u preparati simili".
3. Għall-finijiet ta' l-intestatura Nru. 34.02, "*surface-active agents* organiċi" huma prodotti li meta jiġu mħallta ma' l-ilma f'konċentrazzjoni ta' 0.5% at 20°C u mħollija joqgħodu għal siegħa fl-istess temperatura:
   (a) jagħtu likwidu trasparenti jew translučidu jew emulsjoni stabbli mingħajr separazzjoni tal-materja insolubili; u
   (b) jirriduċu t-tensjoni tal-wiċċ ta' l-ilma għal 4.5 x 10^{-2} N/m (45 dyne/cm) jew inqas.
4. Fl-intestatura Nru. 34.03, l-espressjoni "żjut tal-*petroleum* u żjut miksuba minn minerali bituminużi" tapplika għall-prodotti mfissra fin-Nota 2 tal-Kapitolu 27.
5. Fl-intestatura Nru. 34.04, bla ħsara għall-esklużżjoni provduta hawn taħt, l-espressjoni "xama' artifiċjali u xama' preparat" tapplika biss għal:
   A. Prodotti organiċi ta' natura tax-xama' maħduma kimikament, sew jekk jinħallu fl-ilma sew jekk le;
   B. Prodotti miksubin bit-taħlit ta' xama' differenti;
   C. Prodotti ta' natura tax-xama' b'bażi ta' xama' wieħed jew aktar u li jkun fihom xahmijiet, raži, sustanzi minerali jew materjali ohra.

L-intestatura ma tapplikax għal:

   (a) prodotti ta' l-intestatura Nru. 15.16, 15.19 jew 34.02, ukoll jekk ikunu ta' natura tax-xama';
   (b) xama' ta' l-annimali mhux imħallat jew xama' veġetali mhux imħallat, sew jekk mogħti l-kulur sew jekk le, ta' l-intestatura Nru. 15.21;
   (c) xama' minerali jew prodotti simili ta' l-intestatura Nru. 27.12, sew jekk imħalltin flimkien jew le jew sempliċiment ikkuluriti; jew
   (d) xama' imħallat ma', *dispersed* jew imħoll f'mezz likwidu (intestaturi Nrj. 34.05, 38.09, etc.).

NOTA NAZZJONALI —

Oġġetti li jaqgħu biex jiġu klassifikati taħt l-intestatura Nru. 34.02, meta mpurtati għall-produzzjoni industrijali għandhom jithallew jidhlu bla hlas ta' dazju ta' l-importazzjoni.

Numru tal Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	*K.E.E.*
34.01	**Sapun; prodotti organiċi *surface-active* u peparati biex jintużaw bħala sapun, f'għamla ta' *bars*, *cakes*, biċċiet jew għamliet iffurmati, sew jekk ikun fihom is-sapun sew jekk le; karta, *wadding*, feltru u materjal mhux minsuġ, imprenjati, miksijin jew mgħottija bis-sapun jew deterġent:**		
	– Sapun u prodotti organiċi *surface-active* u preparati, f'għamla ta' *bars*, *cakes*, biċċiet jew għamliet iffurmati, u karta, *wadding*, feltru u materjal mhux minsuġ, imprenjati, miksijin jew mgħottija bis-sapun jew deterġent:		
	– – Għall-użu tat-twaletta (inklużi prodotti medikati):		
3401.11.10	– – – Karta, *wadding*, feltru u materjal mhux minsuġ, imprenjati, miksijin jew mgħottija bis-sapun jew deterġent	80	70
3401.11.90	– – – *Bars*, *cakes*, biċċiet jew għamliet iffurmati	27	13
	– – Ohrajn:		
3401.19.10	– – – Karta, *wadding*, feltru u matejal mhux minsuġ, imprenjati, miksijin jew mgħottija bis-sapun jew deterġent	47	30.5
	– – – *Bars*, *cakes*, biċċiet jew għamliet iffurmati:		
3401.19.91	– – – – Sapun tal-ħasil tal-ħwejjeġ	41c7 per 100 kg	0
3401.19.99	– – – – Ohrajn	27	13
	– Sapun f'forom ohra:		
3401.20.10	– – – Sapun mhux maħdum, għall-produzzjoni industrijali	0	0
3401.20.90	– – – Ohrajn	27	13

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
34.02 (N)	***Surface-active agents* orġaniċi (minbarra sapun); preparati *surface-active* u preparati tal-ħasil (inkluż preparati awżiljarji tal-ħasil), u preparati għat-tindif, sew jekk ikun fihom is-sapun sew jekk le, minbarra dawk ta' l-intestatura Nru. 34.01:**		
	– *Surface-active agents,* organiċi, sew jekk imqiegħdin għall-bejgħ bl-imnut sew jekk le:		
	– – *Anionic:*		
3402.11.10	– – – Fil-forma ta' pasta jew trab	0	0
3402.11.90	– – – Oħrajn	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
	– – *Cationic:*		
3402.12.10	– – – Fil-forma ta' pasta jew trab	0	0
3402.12.90	– – – Oħrajn	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
	– – *Non-ionic:*		
3402.13.10	– – – Fil-forma ta' pasta jew trab	0	0
3402.13.90	– – – Oħrajn	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
	– – Oħrajn:		
3402.19.10	– – – Fil-forma ta' pasta jew trab	0	0
3402.19.90	– – – Oħrajn	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
3402.20.00	– Preparati mqiegħda għall-bejgħ bl-imnut	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
3402.90.00	– Oħrajn	47 iżda mhux inqas minn 9c kull kg	30.5 iżda mhux inqas minn 5c8 kull kg
34.03	**Preparati lubrifikanti (inkluż preparati taż-żjut għall-qtugħ, preparati biex iħollu l-boltijiet u l-iskorfini, prparati ta' kontra s-sadid jew ta' kontra l-korrużżjoni u *mould release preparations*, ibbażati fuq lubrifikanti) u prparati tax-xorta wżata għat-trattament biż-żejt jew xaħam ta' materjal tessili, ġilda, pelliċja jew materjal oħra, iżda eskluż preparati li jkun fihom, bħala kostitwenti bażi, 70% jew iżjed f'dak li hu piż ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi:**		
	– Li jkun fihom żjut tal-*petroleum* jew żjut miksubin minn minerali bituminużi:		
3403.11.00	– – Preparati għat-trattament ta' materjal tessili, ġilda, pelliċja jew materjali oħra	0	0
3403.19.00	– – Oħrajn	0	0
	– Oħrajn:		
3403.91.00	– – Preparati għat-trattament ta' materjali tessili, ġilda, pelliċja jew materjali oħra	0	0
3403.99.00	– – Oħrajn	0	0
34.04	**Xama' artifiċjali u xama' preparat:**		
3404.10.00	– Tal-*lignite* kimikament modifikat	0	0
3404.20.00	– Ta' *polyethylene glycol*	0	0
	– Oħrajn:		
3404.90.10	– – – Xama' għall-issiġillar (inkulż xama' għall-issiġillar tal-fliexken) fi stikek, *cakes* jew forom simili	27	13
3404.90.90	– – – Oħrajn	0	0

(N) Tindika liż-rata ta' dazju għal din l-intestatura hi affettwata min-Nota Nazzjonali.

Numru tal-Kodiċi	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
34.05	**Lostri u kremi, għax-xedd tar-riġlejn, għall-għamara, għall-art, għal-*coachwork*, għall-ħġieġ jew għall-metal, pasta u trab ta' l-għerik u preparati simili (sew jekk ikunu sew jekk ma jkunux f'forma ta' karta, *wadding*, feltru, materjal mhux minsuġ, plastika ċellulari jew lastiku ċellulari, imprenjati miksijin jew mgħottija b'tali preparati), eskluż xama' ta' l-intestatura Nru. 34.04:**		
3405.10.00	– Lostri, kremi u preparati simili għal xedd ir-riġlejn jew ġilda	37	23
3405.20.00	– Lostri, kremi u preparati simili għall-manutenzjoni ta' għamara, art jew xogħol ieħor ta' l-injam	37	23
3405.30.00	– Lostri u preparati simili għal-*coachwork*, minbarra lostri tal-metall	37	23
3405.40.00	– Pasta u trab ta' l-għerik u preparati oħra ta' l-għerik	37	23
3405.90.00	– Oħrajn	37	23
34.06 00.00	**Xemgħat, kandiletti u bħalhom**	47	30.5
34.07 00.00	**Pasta għall-immodellar, inkluż dawk magħmulin għad-divertiment tat-tfal; preparati magħrufa bħala "xama' dentali" jew bħala *"dental impression compounds"*, imqieghdin f'settijiet, f'pakki għall-bejgħ bl-imnut jew fi *plates, horseshoe, shapes*, stikek jew forom simili; preparati oħra biex jintużaw fid-dentistrija, b'bażi ta' *plaster* (ta' ġibs kalċinat jew sulfat tal-kalċju)**	37	23

Kapitolu 35

Sustanzi Albuminojdali; Lamti Modifikati; Kolla; Enżimi

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) ħmira (intestatura Nru. 21.02);
   (b) frazzjonijiet tad-demm (barra minn albumina tad-demm mhux preparata ghall-użu terapewtiku jew profilattiku), medikamenti jew prodotti ohra tal-Kapitolu 30;
   (ċ) preparati enżimatiċi ghal qabel l-ikkunzar (intestatura Nru. 32.02);
   (d) preparati enżimatiċi ghat-tixrib jew ghall-hasil jew prodotti ohra tal-Kapitolu 34;
   (e) proteini mwebbsin (intestatura Nru. 39.13); jew
   (f) prodotti tal-ġelatina ta' l-industrija ta' l-istampar (Kapitolu 49).
2. Ghall-finijiet ta' l-intestatura Nru. 35.05, il-fraži "*dextrins*" tfisser prodotti li jnaqqsu l-grad tal-lamtu b'kontenut ta' zokkor li jirriduċi, espress bhala *dextrose* fuq is-sustanza xotta, li ma jkunx iżjed minn 10%.

   Dawk il-prodotti b'kontenut ta' zokkor li jirriduċi li jkun iżjed minn 10% jaqghu taht l-intestatura Nru. 17.02.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
35.01	**Kaseina, *caseinates* u derivati ohra mill-kaseina, kolla tal-kaseina:**		
3501.10.00	– Kaseina	0	0
3501.90.00	– Ohrajn	0	0
35.02	**Albumini, albuminati u derivati ohra ta' l-albumina:**		
3502.10.00	– Albumina tal-bajd	0	0
3502.90.00	– Ohrajn	0	0
35.03 00.00	**Ġelatina (inkluża ġelatina f'folji rettangolari (inklużi kwadri), sew jekk *surface-worked* jew bil-kulur je le) u derivati tal-ġelatina; *isinglass*; kolla ohra ta' oriġini annimali, esklużа kolla tal-kaseina ta' l-intestatura Nru. 35.01**	0	0
35.04 00.00	***Peptomes* u derivati taghhom; sustanzi tal-proteini ohra u derivati taghhom, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien iehor; trab tal-ġlud, sew jekk kromat jew le**	0	0
35.05	***Dextrines* u lamti modifikati ohra (per eżempju lamti *pregalatinised* jew esterifikati); kolla bbażata fuq lamti, jew fuq *dextrines* jew lamti modifikati ohra:**		
3505.10.00	– *Dextrines* u lamti modifikati ohra	0	0
3505.20.00	– Kolla	0	0
35.06	**Kolla preparata u adesivi preparati ohra, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien iehor; prodotti tajba ghall-użu bhala kolla jew adesivi, imqeghdin ghall-bejgh bl-imnut bhala kolla jew adesivi, li ma jeċċedux piż nett ta' 1 kg:**		
3506.10.00	– Prodotti tajba ghall-użu bhala kolla jew adesivi, imqeghdin ghall-bejgh bl-imnut, li ma jeċċedux piż nett ta' 1 kg	27	13
	– Ohrajn:		
3506.91.00	– – Adesivi bbażati fuq lastiku jew plastika (inkluża raża artifiċjali)	0	0
3506.99.00	– – Ohrajn	0	0
35.07	**Enżimi; enżimi preparati mhux speċifikati jew inklużi x'imkien iehor:**		
3507.10.00	– *Rennet* u konċentrati tieghu	0	0
3507.90.00	– Ohrajn	0	0

Kapitolu 36

Esplużivi; Prodotti Piroteknići; Sulfarini; Ligi Piroteknići; Ċerti Preparati Kombustibbli

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix komposti separati definiti kimikament barra dawk deskritti fin-Nota 2 (a) jew (b) ta' hawn taht.
2. L-espressjoni "oġġetti ta' materjali kombustibbli", fl-intestatura Nru. 36.06, tapplika biss ghal:
   (a) *metaldehyde, hexamethylenetetramine* u sustanzi simili, imqeghdin f'ghamliiet (per eżempju, *tablets*, stikek jew ghamliet simili) ghall-użu bhala *fuels; fuels* bil-bażi ta' alkohol, u *fuels* preparati simili, f'forma solida jew semi-solida.
   (b) *fuels* likwidi jew *fuels* tal-gass likwifikat f'reċipjenti ta' xorta wżati ghall-mili jew ghall-mili mill-ġdid tal-*lighters* tas-sigaretti jew *lighters* simili u li jesghu mhux iżjed minn 300 cm^3; u
   (ċ) torċi tar-raża, *firelighters* u oġġetti bhalhom.

NOTA NAZZJONALI

Ghall-finijiet ta' l-intestatura Nru. 36.05, kull 70 sulfarina jew parti ta' 70 sulfarina f'kull reċipjent ghandhom jiġu maghdudin bhala reċipjent.

Numru tal-Kodiċi H.S	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Ġenerali*	*K.E.E.*
36.01	**Porvli esplossivi:**		
3601.00.10	– – – Ghal tahfir ta' mini u qtugh f'barrieri	38	23
3601.00.90	– – – Ohrajn	60	39
36.02	**Esplosivi preparati, minbarra porvli esplosivi:**		
3602.00.10	– – – Ghal tahfir ta' mini u qtugh f'barrieri	38	23
3602.00.90	– – – Ohrajn	60	39
36.03	***Fuses* ta' sikurezza; *fuses* tad-detonaturi; *percussion* jew *detonating caps; igniters;* detonaturi elettriċi:**		
3603.00.10	– – – Ghal tahfir ta' mini u qtugh f'barrieri	38	23
3603.00.90	– – – Ohrajn	60	39
36.04	**Loghob tan-nar, *flares* ghas-sinjalar, *rain rockets*, sinjali ghaċ-ċpar u oġġetti pirotekniċi oħra:**		
3604.10.00	– Loghob tan-nar	60	39
3604.90.00	– Ohrajn	60	39
36.05 (N)	**Sulfarini, minbarra oġġetti piroteknići ta' l-intestatura Nru. 36.04:**		
3605.00.10	– – – F'reċipjenti li fihom hemm mhux iżjed minn 20 sulfarina	12c5 kull grossa reċipjenti	12c5 kull grossa reċipjenti
3605.00.90	– – – F'reċipjenti li fihom hemm iżjed minn 20 sulfarina	27c5 kull grossa reċipjenti	27c5 kull grossa reċipjenti
36.06	***Ferro-cerium* u ligi oħra pirofoniċi ta' kull ghamla; oġġetti ta' materjali kombustibbli kif speċifikati fin-Nota 2 ta' dan il-Kapitolu:**		
3606.10.00	*Fuels* likwidi jew *fuels* ta' gass likwifikat f'reċipjenti ta' xorta wżati ghall-mili jew ghall-mili mill-ġdid tal-*lighters* tas-sigaretti jew *lighters* simili u li jesghu mhux iżjed minn 300 cm^3	37	23
3606.90.00	– Ohrajn	37	23

(N) Tindika li r-rata ta' dazju ghal din l-intestatura hi affettwata min-Nota Nazzjonali.

Kapitolu 37

Oġġetti Fotografiċi jew Ċinematografiċi

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix fdal jew skart ta' materjali.
2. F'dan il-Kapitolu, il-kelma "fotografiċi" tirreferi għal proċess li jippermetti l-formazzjoni ta' immaġini viżibbli direttament jew indirettament bl-azzjoni tad-dawl jew forom oħra ta' radjazzjoni fuq uċuh sensittivi.

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
37.01	***Plates* u film fotografiċi *flat*, sensitizzati, mhux esposti, ta' xi materjal minbarra karta, *paperboard* jew tessuti; film li jistampa minnufih li jkun *flat*, sensitizzat, mhux espost, sew jekk f'pakki sew jekk le:**		
3701.10.00	– Għall-X-ray	37	23
3701.20.00	– Film li jistampa minnufih	37	23
3701.30.00	– *Plates* u film oħra, b'xi naħa li teċċedi 255 mm	37	23
	– Oħrajn:		
3701.91.00	– – Għall-fotografija bil-kulur *(polychrome)*	37	23
3701.99.00	– – Oħrajn	37	23
37.02	**Films fotografiċi f'rollijiet, sensitizzati, mhux esposti, ta' xi materjal minbarra karta, *paperboard* jew tessuti; film li jistampa minnufih f'rollijiet, sensitizzat, mhux espost:**		
3702.10.00	– Għall-X-ray	37	23
3702.20.00	– Film li jistampa minnufih	37	23
	– Film ieħor, mingħajr *sprocket holes*, ta' wisa' li ma teċċedix 105 mm:		
3702.31.00	– – Għall-fotografija bil-kulur *(polychrome)*	37	23
3702.32.00	– – Oħrajn, b'emulsjoni ta' *silver halide*	37	23
3702.39.00	– – Oħrajn	37	23
	– Film ieħor, mingħajr *sprocket holes*, ta' wisa' li teċċedi 105 mm:		
3702.41.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 610 mm u ta' tul li jeċċedi 200 m, għall-fotografija bil-kulur *(polychrome)*	37	23
3702.42.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 610 mm u ta' tul li jeċċedi 200 m, minbarra għal fotografija bil-kulur	37	23
3702.43.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 610 mm u ta' tul li ma jeċċedix 200 m	37	23
3702.44.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 105 mm iżda ma teċċedix 610 mm	37	23
	– Film ieħor, għall-fotografija bil-kulur *(polychrome)*		
3702.51.00	– – Ta' wisa' li ma jeċċedix 16 mm u ta' tul li ma jeċċedix 14 m	37	23
	– – Ta' wisa' li ma teċċedix 16 mm u ta' tul li jeċċedi 14 m:		
3702.52.10	– – – Importat biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.52.90	– – – Oħrajn	37	23
3702.53.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 16 mm iżda ma teċċedix 35 mm u ta' tul li ma jeċċedix 30 m, għas-*slides*	37	23
	– – Ta' wisa' li teċċedi 16 mm iżda ma teċċedix 35 mm u ta' tul li jeċċedi 30 m, minbarra għas-*slides*:		
3702.54.10	– – – Importat biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.54.90	– – – Oħrajn	37	23
	– – Ta' wisa' li teċċedi 16 mm iżda ma teċċedix 35 mm u ta' tul li jeċċedi 30 m:		
3702.55.10	– – – Importati biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.55.90	– – – Oħrajn	37	23
	– – Ta' wisa' li teċċedi 35 mm:		
3702.56.10	– – – Importati biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.56.90	– – – Oħrajn	37	23
	– Oħrajn:		
3702.91.00	– – Ta' wisa' li ma teċċedix 16 mm u ta' tul li ma jeċċedix 14 m	37	23
	– – Ta' wisa' li ma teċċedix 16 mm u ta' tul li jeċċedi 14 m:		

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju*	
		Ġenerali	*K.E.E.*
3702.92.10	– – – Importati biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.92.90	– – – Oħrajn	37	23
3702.93.00	– – Ta' wisa' li teċċedi 16 mm iżda ma teċċedix 35 mm u ta' tul li ma jeċċedix 30 m	37	23
	– – Ta' wisa' li teċċedi 16 mm iżda ma teċċedix 35 mm u ta' tul li jeċċedi 30 m:		
3702.94.10	– – – Importati biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.94.90	– – – Oħrajn	37	23
	– – Ta' wisa' li teċċedi 35 mm:		
3702.95.10	– – – Importati biex isiru l-films minn *producer* konoxxut	0	0
3702.95.90	– – – Oħrajn	37	23
37.03	**Karta, *paperboard* u tessuti fotografiċi, sensitizzati, mhux esposti:**		
3703.10.00	– F'rollijiet ta' wisa' li teċċedi 610 mm	37	23
3703.20.00	– Oħrajn, għall-fotografija bil-kulur *(polychrome)*	37	23
3703.90.00	– Oħrajn	37	23
37.04 00.00	***Plates*, film, karta, *paperboard* u tessuti fotografiċi, esposti iżda mhux żviluppati**	37	23
37.05	***Plates*, u film fotografiċi, esposti u żviluppati, minbarra film ċinematografiku:**		
3705.10.00	– Għal riproduzzjoni *offset*	0	0
3705.20.00	– *Microfilms*	0	0
3705.90.00	– Oħrajn	0	0
37.06	**Film ċinematografiku, espost u żviluppat, sew jekk ikun jew ma jkunx inkorporat *sound track* jew jikkonsisti biss f'*sound track*:**		
3706.10.00	– Ta' wisa' ta' 35 mm jew aktar	0	0
3706.90.00	– Oħrajn	0	0
37.07	**Preparati kimiki għal użu fotografiku (minbarra minn verniċ, kolol adeżivi u preparati simili); prodotti mhux imħallta għal użu fotografiku, imqegħdin f'porzjonijiet imkejla jew imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut f'għamla lesta għall-użu:**		
3707.10.00	– Emulsjonijiet sensitizzati	37	23
3707.90.00	– Oħrajn	37	23

Kapitolu 38

Prodotti Kimiċi Mixxellanji

NOTI —

1. Dan il-Kapitolu ma jkoprix:
   (a) elementi jew komposti separati mfissra kimikament barra minn dawn li ġejjin:
      1) grafit artifiċjali (intestatura Nru. 38.01);
      2) insettiċidi, rattiċidi, fungiċidi, erbiċidi, prodotti *anti-sprouting* u kimika li tirregola t-tkabbir tal-pjanti, diżinfettanti u prodotti simili imqegħda kif imfisser fl-intestatura Nru. 38.08;
      3) prodotti mqegħda bħala *charges* għal *fire-extinguishers* jew imqegħda fi *grenades* għat-tifi ta' nar (intestatura Nru. 38.13);
      4) prodotti speċifikati fin-Nota 2 a) jew 2 ċ) hawn taħt.
   (b) taħlitiet ta' kimiki b'affarijiet ta' l-ikel jew sustanzi oħra b'valur nutrittiv, tax-xorta wżati fil-preparazzjoni ta' l-affarijiet ta' l-ikel għall-bniedem (ġeneralment intestatura Nru. 21.06);
   (ċ) medikamenti (intestatura Nru. 30.03 jew 30.04).
2. L-intestatura Nru. 38.23 tinkludi l-oġġetti li ġejjin li m'għandhomx jiġu klassifikati f'xi intestatura oħra ta' dan l-iskeda:
   (a) kristalli koltivati (barra minn elementi ottiċi) li jiżnu mhux anqas minn 2.5g il-waħda, ta' ossidu tal-manjesja jew ta' l-alidi ta' l-alkali jew ta' metalli ta' materjal alkalin;
   (b) *fusel oil; Dippel's oil;*
   (c) sustanzi li jneħħu l-linka mqegħdin f'pakki għall-bejgħ bl-imnut;
   (d) *stencil correctors* u fluwidi oħra li jservu biex jikkorreġu, mqegħdin f'pakki għall-bejgħ bl-imnut; u
   (e) *firing testers* taċ-ċeramika, fussibbli (per eżempju, *Seger cones).*

Numru tal-Kodiċi H.S.	*Oġġetti*	*Rata ta' Dazju* *Generali*	*K.E.E.*
38.01	**Grafit artifiċjali; grafit kollojdali jew semi-kollojdali; preparati bbażati fuq grafit jew Karbonju ieħor f'forma ta' pasta, blokki, pjanċi jew semi-manifatturi oħra:**		
3801.10.00	– Grafit artifiċjali	0	0
3801.20.00	– Grafit Kollojdali jew semi-kollojdali	0	0
3801.30.00	– Pasta tal-Karbonju għall-*electrodes* u pasta simili għall-*linings* ta'l-ifran	0	0
3801.90.00	– Oħrajn	0	0
38.02	**Karbonju attivat; prodotti minerali naturali attivati; *animal-black*,** inkluż *animal black* mohli:		
3802.10.00	– Karbonju Attivat	0	0
3802.90.00	– Oħrajn	0	0
38.03 00.00	***Tall oil*, sew jekk raffinat sew jekk le**	0	0
38.04 00.00	**Soluzzjonijiet alkalini residwi mill-manifattura tal-polpa ta' l-injam, jew jekk konċentrati jew le, biz-zokkor imneħħi jew trattati kimikament, inkluż *tall oil* ta' l-intestatura Nru. 38.03**	0	0
38.05	**Trementina tal-lastiku, ta' l-injam jew tas-sulfat u żjut oħra tat-trementina magħmula bid-distillazzjoni jew trattament ieħor ta' injam koniferu; *dipentene* mhux maħdum; trementina tas-sulfat tas-sodda u *paracyments* oħra mhux maħduma; żejt ta' l-arznu li fih *alpha-terpineol* bħala l-kostitwent ewlieni:**		
3805.10.00	– Żjut tat-trementina tal-lastiku, ta' l-injam jew tas-sulfat	10	6.5
3805.20.00	– Żejt ta' l-arznu	10	6.5
3805.90.00	– Oħrajn	10	6.5
38.06	**Aċidi tar-raża, u derivati tagħhom; spirti tar-raża u żjut tar-raża; *run gums:***		
